QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA

IMĦALLEF

ONOR. RACHEL MONTEBELLO

Rikors Ġuramentat Nru. 456/2021

Roseanne Vella (K.I. Nru 120875(M)

-vs;

Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983)

Joseph Calleja (K.I. Nru. 147872(M)

Giorgio Filippi (K.I. Nru. Taljana AA2349033)

Antonio Palumbo (K.I. Nru. Taljana AA352991)

Giuseppe Palumbo (K.I.Nru. Taljana AA163654)

Raffaele Palumbo (K.I. Nru taljana AA09633404)

U

Mark Grech (K.I.Nru 436673(M)

Illum 15 ta' Ottubru 2026

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta Roseann Vella ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2021 fejn ġie premess u dikjarat:-

1. *L-esponenti hija l-werrieta unika ta' Patrick Joseph Vella;*
2. *L-imsemmi defunt Patrick Joseph Vella kien bugħaddas li ġie mqabbad jagħmel xi xogħolijiet taħt l-ilma ġewwa Palumbo Shipyard fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tal-elfejn u hmistax (2015);*

3. *Dakinhar, l-istess Patrick Joseph Vella tilef hajjtu waqt li kien qiegħed fuq xogħolu, b'konsegwenza tat-traskuragni, non-kuranza, negliġenza nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, u nuqqas ta' prudenza u digliġenza da parti tal-intimati jew min minnhom, kif ser jiġi muri waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors ġuramentat;*

4. *In vista ta' dan, l-esponenti għandha l-jedd għar-risarciment tad-danni mill-intimati jew min minnhom;*

5. *Minkejja li l-intimati gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni ghall-hlas ta-danni subiti mill-esponenti, l-intimati baqghu ikoll inadempjenti.*

6. *Għalhekk, l-intimati huma responsabbli għad-danni, u huma obbligati skont il-liġi li jħallsu;*

7. *Ir-rikorrenti Roseann vella, taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

Talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat jewmin minnhom huma unikament responsabbli ghad-danni u l-ispejjez l-ohra kollhs sofferti mir-rikorrenti, kif fuq spjegat, b'konsegwenza ta' dak li sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tal-elfejn u hmistax (2015); nomina*

2. *Tillikwida jekk thoss il-htiega permezz ta' periti nominanti id-danni u l-ispejjez sofferti mir-rikorrenti Roseann vella fil-kwalita' taghha ta' werrieta ta' Patrick Vella minhabba l-mewt ta' żewġha kif fuq spjegat, u fi kwalita' personali taghha, skont il-ligi, konsistenti dawn ukoll f'debilita' funzjonali u permanenti, danni psikoloġiċi, psikjatriċi, danni morali, telf ta' qliegh futur, u danni u spejjez ohra, ai termini tal-artikolu 1045 u/ jew 1046 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew kwalunkwe Ligi ohra li tista' tkun fis-sehh u/ jew applikabbli minn żmien ghal żmien;*

3. *Tillikwida, jekk thoss il-htiega permezz ta' periti nominanti, id-danni psikjatriċi u l-ispejjez sofferti mir-rikorrenti Roseann vella minhabba l-mewt ta' żewġha kif fuq spjegat, skont il-ligi, konsistenti dawn ukoll f'debilita' funzjonali u permanenti, danni psikoloġiċi, danni morali, telf ta' qliegh futur, u danni u spejjez ohra, ai termini tal-artikolu 1045 u/1046 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u/ jew kwalunkwe Ligi ohra li tista tkun fis-sehh u/jew applikabbli minn żmien ghal żmien;*

4. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorenti roseann Vella d-danni u l-ispejjez hekk likwidati, u dan flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli skont il-ligi*

Bl-imghax legali, min-notifika tal-ittri ġudizzjarji 2311/2016, 471/2018, 352/2019, 690/2020, u bl-ispejjez kollha kont l-intimati li jinsabu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fl-4 ta' Ġunju 2021 fejn ġie eċċepit is-segwenti:-

1. *Illi t-talbiet attriċi kif interposti fil-konfront tas-socjeta Palumbo. Malta Shioyards Limited u kontra l-intimati l-oħrajn kollha personalment huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jista' u sejjer jiġi ppruvat is-smiegħ tal-kawża.*

2. *Illi l-inċident tat-28 ta' Frar 2015 seħħ unikament minħabba traskuraġni, non osservanza tar-regolamenti u tal-prattiċi u nuqqas ta' ħila da parti tal-istess defunt Patrick Joseph Vella li kien bugħaddas professjonist li kien ingaġġat u msejjaħ sabiex jagħmel intervent fuq-bieba ta' baċir tas-soċjeta' intimata, fost xogħolijiet oħra inkluż iżda mhux limitat għall-għeluq ta' valves tal-bieb tal-baċir hekk kif lilu spjegat qabel ma aċċetta ix-xogħol u anke in situ ma niżel fil-baħar.*

3. *Illi d-defunt kien renomat bħala fost l-aħjar professjonisti u kien jissejjaħ b'mod regolari ġewwa t-tarzna sabiex jagħmel xogħolijiet speċjalizati fosthom għall-għeluq ta' valves tal-bieb tal-baċir kull meta dawn jeħlu. Illi huwa kien jaf ir-riskji tal-intervent u kellu dejjem jieħu l-prekawzjonijiet opportuni ħaġa li fil-ġurnata tas-sinistru jirriżulta li setgħa ma ħaxx.*

4. *Illi kif sejjer jirriżulta l-intimati bl-ebda mod ma jistgħu jinstabu responsabbli għan-nuqassijiet ikkawżata direttament u esklussivament mid-defunt.*

5. *Illi l-intimati personalment ċertament m'humiex il-leġittimi kontradituri u dan peress li d-defunt ma kellu relazzjoni ġuridika magħhom personalment u għalhekk qatt ma setgħu jissejħu in ġudizzju*

.

6. *Illi jirriżulta illi l-intimati esponenti ma jistgħux jiġu kkundannati jew dikjarati responsabbli bl-ebda mod għall-akkadut sinistru u jsegwi li ma hemm ebda danni x'jiġu hekk likwidati fil-konfront tal-istess soċjetà.*

7. *Illi jsegwi li ma hemm ebda danni x'jigu hekk likwidati fil-konfront tal-intimati.*

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lilha kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni ta' kawżi u doveri mogħti fit-13 ta' Novembru 2025;

Rat l-inkartament tal-proċess kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) v. Joseph Calleja, Giorgio Filippi, Antonio Palumbo, Giuseppe Palumbo, Raffaele Palumbo u Mark Grech** (Kumpilazzjoni 255/2016), kompriż l-atti tal-*proces-verbal* bin-numru 680/2015 dwar '*Mewt ta' Patrick Joseph Vella waqt li kien xogħol ġewwa Palumbo Shipyard, nhar it-28 ta' Frar 2015'*, ilkoll esebiti bix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali[1];

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet ta' Franklin Calleja, l-attriċi Roseanne Vella, Marcia Cocker, Joseph Abela Medici, Carmen Mangion, Charles Portelli, Joseph Debono, Prof. Alan Deidun u Dr. Claudette Fenech, ilkoll prodotti bħala xhieda mill-attriċi;

[1] Xhieda ta' Franklin Calleja, 15 ta' Novembru 2021.

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet tal-Kaptan Joe Gabriele, Baldo Guberti, Joseph Calleja u Salvatore Cammerino, ilkoll prodotti bħala xiehda mill-konvenuti ;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet tax-xhieda kollha li xehdu in kontro-eżami u in ri-eżami;

Rat id-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet rispettivament u mix-xhieda li xehdu fil-proċeduri;

Rat il-provi kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat illi b'digriet mogħti fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022, ġie maħtur Dr. Joseph Cassar bħala perit psikjatra bl-inkarigu li jeżamina lill-attriċi u jikkostata jekk issofrix minn debilita' permanenti u fl-affermattiv, il-perċentwal tad-diżabilita', bl-ispejjeż provviżorjament għall-attriċi;

Rat ir-relazzjoni tal-perit Dr. Joseph Cassar ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2023 u maħluf minnu fl-14 ta' April 2023;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2025;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2026 ġiet milqugħa t-talba tal-avukat tal-partijiet biex jagħmlu sottomissjonijiet orali addizzjonali b'żieda mat-trattazzjoni li kienet diġa' saret quddiemha meta kienet diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni istitwita mill-attriċi Roseanne Vella bħala l-eredi ta' żewġha, id-defunt Patrick Joseph Vella, għar-riżarċiment tad-danni subiti b'riżultat tal-mewt tiegħu f'inċident li seħħ fit-28 ta' Frar 2015 waqt li bħala bugħaddas, kien qed iwettaq ix-xogħol lilu mogħti mis-soċjeta' konvenuta ġewwa Palumbo *Shipyard*, il-Bormla.

L-attriċi tikkontendi li żewġha tilef ħajtu minħabba l-ħtija tal-konvenuti jew min minnhom u talbet il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li ġarrbet b'riżultat tal-mewt tiegħu.

Il-konvenuti kollha jisħqu li l-mewt ta' Patrick Joseph Vella kienet dovuta għal negliġenza u traskuraġni kif ukoll n-non-osservanza tar-regolamenti da parti tiegħu stess u fi kwalsiasi każ, ma kellhom ebda relazzjoni miegħu *de proprio*, għaliex l-unika relazzjoni ġuridika kienet dik mibnija fuq il-kuntratt ta' appalt mogħti mis-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyward Limited, lid-ditta SalpaSub tal-kumpannija S.A.L.P.A Limited, li bagħtet bugħaddas – il-vittma - biex jagħmel l-intervent meħtieġ taħt l-ilma fix-*shipyard* ġestit minnha.

Safejn għandhom x'jaqsmu l-konvenuti persuni naturali Joseph Calleja, Giorgio Filippi, Antonio Palumbo, Giuseppe Palumbo, Raffaele Palumbo u Mark Grech, ġie eċċepit li m'humiex leġittimi kontradituri tat-talbiet attriċi u għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-imsemmija konvenuti huma lkoll d-diretturi tas-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta *Shipyard* Ltd[2], għajr għall-konvenut Mark Grech li kien jokkupa l-kariga ta' *safety officer* tas-soċjeta' konvenuta, u l-konvenut Joseph Calleja li kien jokkupa l-kariga ta' *general manager* tas-soċjeta' konvenuta, fiż-żmien tal-inċident.

Ikkunsidrat;

Fil-ħames eċċezzjoni fir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti, ġie eċċepit illi l-konvenuti Antonio Palumbo, Raffaele Palumbo, Giuseppe Palumbo, Giorgio Filippi,

[2] Ara Form K datat 20.6.2013, *fol.* 555 tal-atti tal-kawża.

Joseph Calleja u Mark Grech m'humiex leġittimi kontradittur tat-talbiet tal-attriċi u ma messhomx ġew imħarrkin għaliex qatt ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika mal-vittma.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Perit Dr. Edwin Mintoff v. Joseph Cortis**[3], inġabru flimkien il-prinċipji ġenerali in materja tal-kunċett legali tal-leġittimita' tal-kontradittur ċitat fil-kawża:-

"1. Bħala linja ġenerali, l-interess ġuridiku fil-konvenut jirradika fih il-leġittimita' passiva li joqgħod fil-ġudizzju; bl-istess mod kif l-interess ġuridiku fl-attur jirradika fih il-leġittimita' attiva li jippromwovi l-azzjoni ġudizzjarja.

2. Huwa miżmum illi sabiex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le l-legittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna imħarrka kinetx materjalment parti fin-negozju li skond il-parti attriċi jkun ħoloq ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, li twassal biex inħolqu r-rabtiet kuntrattwali fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom;

3. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit fuq livell ta' prima facie, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa;

4. Id-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.

... ...

7. Għall-iskop tal-valutazzjoni ta' l-integrita' tal-kontradittorju <u>wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni dak li l-attur qed jitlob fil-kawża</u> u mhux ukoll l-eżitu tal-kontroverzja.

8. Meta f'kawża jiġi ċċitat konvenut wieħed, l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimita' passiva fil-konvenut iġib fi tmiemu s-smiegħ tal-kawża mingħajr il-ħtieġa li jiġi trattat u deċiż il-mertu." [4]

Ġie asserit mill-konvenuti illi kienet is-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyward Limited li tat ix-xogħol biex jagħmel l-intervent meħtieġ taħt l-ilma fix-*shipyard* ġestit

[3] Deċiża 7 ta' Lulju 2022.
[4] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et** deċiża fit-28 ta' Settembru 2016, fejn saret riferenza għall-kawża fl-ismijiet: **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell.

minnha u huma, personalment, ma kellhom ebda rapport ma', jew sehem ta' involviment f'dan in-negozju.

Minn qari tar-Rikors Ġuramentat tal-attriċi – għaliex il-leġittimita' passiva tal-konvenut tiġi stabbilita biss abbażi tat-termini tal-azzjoni kif imfassal fl-att promotur, u mhux b'riferenza għar-riżultanzi tal-provi fil-mertu – jirriżulta illi għakemm ma ġiex imfisser espressament f'hiex jikkonsisti l-involviment tal-imsemmija konvenuti fl-inċident, jew ir-rabta tagħhom mal-vittma jew mas-soċjeta' konvenuta, ġie dikjarat illi żewġha tilef ħajtu waqt li kien "*fuq xogħolu*" minħabba t-traskuraġni, non-kuranza, negliġenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti u nuqqas ta' prudenza u diliġenza da parti "*tal-konvenuti jew min minnhom".*

B'hekk qed jiġi allegat leżjoni ta' dritt b'riżultat ta' intervent kolpuż da parti tal-konvenuti jew min minnhom, liema intervent nissel il-ħsara allegatament subita minħabba l-mewt tal-vittma: l-attriċi tgħid illi l-konvenuti kellhom b'xi mod x'jaqsmu mal-ħsara allegatament subit minnha b'riżultat tal-mewt ta' żewġha, iżda t-talbiet tagħha għar-riżarċiment tal-ħsara m'humiex neċessarjament mibnija fuq allegat ksur ta' obbligu kuntrattwali mnissel minn rabta ta' xogħol mal-konvenuti.

Il-Qorti tal-Appell (Inf.), f'sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Anthony Cauchi et vs Joseph Spiteri et** qalet hekk:-

"Ir-ricerka ghas-sussistenza, o meno, ta' dan l-argoment necessarjament tinvolvi dak ta' l-accertament okkorrenti, fuq il-bazi tal-petitum tal-kawza, ossija r-rizultat persegwit mill-atturi fil-gudizzju, tendenti ghall-kundanna tal-konvenuti tal-hlas tad-dritt ... reklamat." (Enfasi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva:-

"Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kinetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-

kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.'

Applikati dawn il-prinċipji legali għat-termini tal-azzjoni kif proposta mill-attriċi, imsejsa kif inhi fuq ħsara li tnisslet minn allegat kondotta kolpuża tal-konvenuti jew min minnhom, il-Qorti hi tal-fehma illi jeżisti ness ġuridiku *prima facie* bejn il-konvenuti persuni naturali, u d-danni reklamati mill-attriċi minħabba l-mewt ta' żewġha waqt li kien fuq xogħolu, b'mod li ma jistax jingħad li l-konvenuti huma persuni għal kollox estranei għall-fatti ġuridiċi li taw lok għat-talbiet tal-attriċi, tant illi jekk jiġu ppruvati l-fatti premessi u t-talbiet magħmula fir-Rikors Ġuramentat, dawn jistgħu jwasslu għall-kundanna mitluba. Dan huwa biżżejjed biex jirradika f'kull wieħed mill-konvenuti msemmija, l-istat ta' persuna idonea biex iwieġeb għat-talbiet tal-attriċi fl-azzjoni minnha promossa.

Issa, naturalment, jekk it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuti li talbu biex jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju, humiex fondati fil-mertu jew le, hija kwistjoni oħra, u jekk mis-smigħ tal-provi fil-mertu jista' talvolta jiġi stabbilit illi l-konvenuti msemmija ma kienux wara kollox responsabbli għal xi egħmil li skont l-attriċi, nissel il-ħtija għad-danni subiti, dan ma jkun naqqas xejn mill-fatt li mit-termini tal-azzjoni kif imfassal fir-Rikors Ġuramentat, l-imsemmija konvenuti huma persuni idonei biex iwieġbu għat-talbiet attriċi. Konformement ma' dan, kull aspett relattiv għall-mertu tal-pretensjoni tal-atturi f'din il-kawża, jibqa' f'dan l-istadju impreġudikat biex jiġi epurat fit-trattazzjoni tal-mertu.

Qiegħda għalhekk tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Antonio Palumbo, Raffaele Palumbo, Giuseppe Palumbo, Giorgio Filippi, Joseph Calleja u Mark Grech safejn ġie eċċepit illi m'humiex leġittimi kontradittur tat-talbiet attriċi u li għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-analiżi tal-provi u x-xhieda, il-Qorti tibda biex tosserva illi bosta mill-provi li tressqu huma dawk li nġiebu fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tal-konvenuti kollha fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) v. Joseph Calleja et, dwar ir-reat ta' omiċidju involontarju taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali u l-ksur tar-regolament 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 magħmula taħt l-Att dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' Fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424), liema proċeduri jidher li għadhom ma ġewx determinati.

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza l-ismijiet **Darren Vella v Ryan Sciberras et**, deċiża mil-Prim'Awla fis-7 ta' Lulju 2021[5] fejn ġie ritenut:

"Il-Qorti tagħraf li r-regola hija li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin. Madankollu, it-tressiq f'kawża ċivili ta' provi meħuda minn proċess kriminali – magħduda sentenzi li jagħlqu l-proċess penali – la hu projbit mil-liġi u lanqas irregolari. Għall-kuntrarju, it-tressiq ta' dawk il-provi jaf ikun għodda fejjieda biex wieħed jara kemm jista' joqgħod fuq il-provi mressqa fil-proċess ċivili, minbarra li, bħala atti ta' qorti, huma provi ammissibbli li ma hemm ħtieġa tal-ebda prova oħra dwar l-awtenticità tagħhom."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Rose Borg et v. Daniel Sciberras**, ukoll deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta[6], intqal:

«Huwa minnu li l-proċediment kriminali u dak ċivili jimxu għal rashom, iżda huwa wkoll miżmum li l-Qrati ċivili jistgħu iqisu provi jew indizji li jinkisbu matul proċediment kriminali biex jaslu għad-determinazzjoni ta' fatti fuq bażi tajba ta' prova fil-grad mistenni fi proċediment bħal dan.»

Għaldaqstant, il-Qorti ma għandha ebda riżervi biex tagħmel riferenza għal u tagħti piż probatorju lill-provi li nġiebu fil-proċess kriminali, mingħajr ebda qies għall-fatt illi ma nġiebux direttament quddiemha matul is-smigħ tal-kawża odjerna.

Fatti

Il-Qorti fliet l-atti u l-provi kollha bir-reqqa, inkluż il-provi li tressqu fil-proċediment kriminali fil-konfront tal-konvenuti, u mill-fatti li joħorġu minnhom, huwa stabbilit illi:-

[5] Konfermata mil-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-21 ta' Jannar 2025.
[6] B'sentenza tat-8 ta' Ġunju 2011.

Kienet is-soċjeta' konvenuta, tramite l-impjegati tagħha, Emiliano Cirillo (*ship manager*), Stephen Farrugia u Andrea Depasquale u / jew Ryan Brincat, li kienet ikkommissjonat is-servizzi ta' Patrick Joseph Vella sabiex, għan-nom tal-kumpannija S.A.L.P.A Limited li tiġġestixxi n-negozju taħt l-isem Salpasub, jagħmel ix-xogħol neċessarju minn taħt l-ilma biex tissewwa l-ħsara fil-*gate-valve* fil-baċir numru 4.

Il-vittma, Patrick Joseph Vella, kien wieħed miż-żewġ diretturi tal-kumpannija S.A.L.P.A Limited li hija *supplier* akkreditata u approvata ta' apparat u tagħmir tal-għaddasa. Kien *diving instuctor and emergency first aid instructor, scientific diver*[7], iggradwat mill-Universita' ta' Malta[8]. Mhux kontestat illi l-vittma kellu l-kwalifiki meħtieġa biex jagħmel ix-xogħol li kien ingaġġat jagħmel fil-baċir tas-soċjeta' konvenuta, u kien ukoll familjari mal-post u max-xogħol[9]

Lanqas ma huwa kontestat illi s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex l-attrezzatura u impjegati imħarrġin biex jogħdsu fil-baħar / fil-baċiri tagħha u kien għalhekk li tat ix-xogħol b'appalt lid-ditta SalpaSub tal-kumpannija S.A.L.P.A Limited biex tipprovdi s-servizz li kien meħtieġ għat-tiswija tal-*gate-valve*. Il-kumpannija S.A.L.P.A Limited bagħtet lil Patrick Vella, il-vittma, biex jipprovdi s-servizz mitlub.

Il-kumpannija S.A.L.P.A Limited kienet dak iż-żmien tiġi kkommissjonata regolarment[10] mis-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta *Shipyard*s Limited sabiex tipprovdilha servizzi ta' bugħaddas biex isiru l-interventi u tiswijiet fix-*shipyard* u fil-baċiri tagħha li kienu jkunu jirrikjedu xogħol ta' *diving*. Kien Patrick Joseph Vella, il-vittma, li fil-ġeneralita' tal-każijiet, kien jipprovdi dawn is-servizzi għan-nom ta' S.A.L.P.A Limited. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' konvenuta kienet titlob hi stess li s-servizz jiġi prestat minn Patrick Joseph Vella innifsu, peress li kien bugħaddas professsjonali li kien familjari mal-baċiri tagħha[11].

---

[7] Ara email datat 22 ta' Diċembru 2014 (*fol.* 1092 / 1093), parti minn Dok. BG1).
[8] B.Sc. Hons (Chemistry and Biology) u M.Sc. (Biology) Ara *curriculum vitae fol.* 1095 *et seq*.
[9] Ara xhieda tal-Kaptan Reuben Lanfranco fis-16 ta' Ottubru 2019 fl-atti tal-kumpilazzjoni.
[10] Ara xhieda ta' Mark Grech kif ukoll Salvatore Cammarino fl-atti tal-inkjesta dwar l-in genere quddiem l-espert Kaptan Reuben Lanfranco.
[11] "*... in quel periodo li del cantiere era il nostri diver di riferimento per turre le operazioni ... di cantiere...*" – xhieda ta' Andrea Depasquale, 11 ta' Lulju 2018 kumpilazzjoni

Fix-*shipyard* ġestit mis-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyard Limited ġara illi fit-28 ta' Frar 2015, għall-ħabta tas-6.30 a.m., kien inħareġ bastiment mill-baċir bin-numru 4, ingħalqet id-*docking gate* ("*kexxun*") tal-baċir u inbeda l-proċess għat-tbattil tal-ilma mill-baċir bil-pompi sabiex isir ix-xogħol neċessarju biex jista' jiddaħħal vapur ieħor fil-baċir. Madankollu, ġie nnotat li l-livell tal-ilma ma kienx nieżel bir-rata mistennija u għalhekk, billi kien hemm suspett li wieħed mill-*valve*s fid-*docking gate* tal-Baċir 4 ma kienx ingħalaq kif suppost u l-baħar kien għadu dieħel minnu, twaqqfu l-pompi minnufih[12].

Stephen Farrugia, li fiż-żmien tal-inċident kien impjegat bħala *foreman* mas-soċjeta' konvenuta u kien responsabbli wkoll għall-operazzjoni tal-*pumping stations* - inkluż is-sorveljanza tal-proċess tal-ftuħ u għeluq tal-baċiri u l-mili u tbattil tal-ilma mill-baċiri - insista fix-xhieda tiegħu illi hekk kif kien induna li l-baċir ma kienx qed jitbattal kif kien mistenni u seta' kien hemm ħsara f'xi wieħed mis-sitt *gate-valves* tal-Baċir 4, kien waqqaf il-pompi minnufih. Kien hemmhekk li nnota li l-livell tal-ilma baqa' tiela'. Xehed illi hekk kif tefa' l-pompi, kien ta struzzjonijiet biex jiġi msejjaħ fuq il-post bugaħddas biex minn taħt l-ilma, jispezzjona l-*gate-valve* tal-Baċir 4 li kien bil-ħsara. Dak il-ħin, il-livell tal-baħar fil-Baċir 4 kien madwar metru biss iktar baxx mil-livell tal-baħar[13]. Sar kuntatt ma' Patrick Joseph Vella, il-vittma, li ssejjaħ fuq il-post biex jagħmel l-intervent meħtieġ.

Meta l-vittma wasal fuq il-post, waħdu, fil-11.15 a.m., kien iltaqa' ma' Mario Abela, li kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta bħala steel worker, u Emiliano Cirillo, *ship manager*, fil-*plate shop* tas-soċjeta' konvenuta. Kif waslu Stephen Farrugia u Anthony Farrugia fil-Baċir 4, kien hemm preżenti wkoll fuq il-post ħaddiem ieħor, ċertu Valerio Alfieri.

Emiliano Cirillo spjega lill-vittma li l-ewwel *valve* fuq in-naħa tal-lemin tal-baċir, x'aktarx ma kienx qed jingħalaq sew. Tah struzzjonijiet biex jispezzjona l-*valve* u jieħu l-qisien tal-fetħa esterna tal-*flange* tal-*valve* biex dawn jitqabblu mal-pjanċa tal-ħadid li kienet qed tinħadem fil-*plate shop*, biex imbagħad jinħadem *gasket* biex jitqiegħed fuq il-*flange* tal-*valve*. Il-pjan kien li sussegwentement, il-pjanċa tal-ħadid

[12] Xhieda ta' Stephen Farrugia, seduta tal-21 ta' Marzu 2018, fil-kumpilazzjoni
[13] Xhieda ta' Stephen Farrugia, *ibid.*

titniżżel bil-crane fil-baħar biex bl-assistenza tal-bugħaddas, il-pjanċa titwaħħal bil-*gasket* fuq il-*valve* biex il-*valve* jingħalaq ('*blanking*') u l-baħar ma jkomplix dieħel fil-baċir. B'hekk, il-proċess tat-tbattil tal-baċir ikun jista' jitkompla. Patrick Joseph Vella ingħata rutella, bolt u xi għodda, u Emiliano Cirillo għenu jilbes l-apparat. Qallu wkoll li jkun aħjar jekk jinżel fil-baħar min-naħa tal-baċir, mhux min-naħa tal-baħar.

Għall-ħabta tal-11.25 a.m. il-vittma niżel fil-baħar minn fuq id-*docking gate* / bieba tal-Baċir 4, fil-viċinanzi ta' fejn kien lokalizzat il-*valve* bil-ħsara. Billi f'dak l-istadju il-vittma kellu biss ikejjel il-qisien tal-*flange,* l-intervent tiegħu taħt l-ilma ma kellux jieħu ħafna ħin, bejn ħames u għaxar minuti b'kollox. Sadanittant, Mario Abela kien diġa' telaq biex iġib xi għodda mill-*plate shop*, u kif il-vittma niżel fil-baħar, Emiliano Cirillo wkoll telaq u mar fil-ħanut biex jagħti struzzjoni biex jibda jinħadem il-*gasket* għal fuq il-*flange*.

Meta Emiliano Cirillo ħareġ mill-*plate shop*, xi ħames jew għaxar minuti wara, mar jittawwal barra lejn il-baħar fil-parti fejn kien niżel il-vittma għaliex kien għadu ma telax minn taħt l-ilma, u nnota li ma kienx hemm bżieżaq telgħin f'wiċċ l-ilma. Wara ftit minuti oħra lemaħ ukoll ingwanta f'wiċċ l-ilma ġewwa l-baċir u minnufih ċempel għall-assistenza. Sar kuntatt ukoll ma' Salvatore Cammarina, is-sieħeb tal-vittma fin-negozju Salpasub, li wasal fuq il-post ftit wara, u ġiet imnedija operazzjoni għat-tfittxija u salvataġġ tal-vittma minn uffiċjali u bugħaddasa tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati ta' Malta.

Il-Forzi Armati irċevew it-telefonata biex jassistu fl-operazzjoni tas-salvataġġ għall-ħabta tal-11.50 a.m., u waslu fuq il-post b'*dinghy* biss ftit tal-ħin wara. Erba' bugħaddasa, Lawrence Spiteri u Ludvic Vella mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u s-Surġenti Audrick Plum u Tyrone Ghirxi mill-Forzi Armati, niżlu fil-baħar fil-lok fejn ġie indikat lilhom li kien niżel il-vittma[14]. Huma sabu lill-vittma ċirka sitt metri fond taħt il-wiċċ tal-baħar (ċirka nofs il-fond tal-baċir), maqbud kważi kollu ġewwa t-toqba tal-*valve* li tinsab fid-*docking gate* u li tagħti għal ġol-baċir[15]. Il-vittma kien imwaħħal

[14] Ara ritratt FS 150326 – AMN 103, u ritratti PV 16 formanti parti mir-relazzjoni ta' l-espert Kapt. R. Lanfranco, *fol.* 372.
[15] Ara ritratt Dok. 15 AMN 103 juri t-toqba esposta bil-valve magħluq wara li tbattal l-ilma.

b'saqajh u ċ-ċilindru ġewwa l-*valve*, b'mod li ma setax idur jew jinqala', u kien wiċċu 'l barra lejn il-baħar. Dak il-ħin ir-*regulator* (*demand valve*) ma kienx f'ħalqu[16].

Jirriżulta[17] illi tant kien hemm kurrent qawwi li kien qed jiġbed l-ilma mill-baħar lejn il-baċir minn ġewwa t-toqba fejn kien maqbud il-vittma, li l-bugħaddasa li kienu qed iwettqu l-operazzjoni tas-salvataġġ ma setgħux jaqilgħu l-vittma 'l barra mill-*valve* fejn kien maqbud, b'idejhom. Għalhekk, is-salvataġġ kellu jsir billi ntrabat ħabel madwar il-vittma li mbagħad inġibed 'il fuq minn madwar ħames uffiċjali li kienu fuq il-*patrol boat* tal-Armata li kienet sorġuta mal-moll tal-istess baċir.

Il-vittma ttieħed l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza, iżda miet ftit tal-ħin biss wara. Il-mewt tiegħu ġie stabbilit fl-awtopsja, li seħħet b'riżultat ta' għarqa (*asphyxia due to drowning*[18]). Ġie nnotat ukoll fl-awtopsja li l-vittma kellu tbenġil qawwi fuq waħda minn saqajh li kien kompatibbli ma' daqqa li seta' ħa meta ġie miġbud fil-kanal tal-*valve* minħabba l-pressa[19].

L-għada tal-inċident, 1 ta' Marzu 2015, minn tfittxijiet li saru fil-qiegħ tal-Baċir 4, instabet rutella li kienet qed tintuża mill-vittma taħt l-ilma, liema rutella ġiet lokalizzata ftit metri lil hinn mit-toqba li kien maqbud fiha l-vittma

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq ir-riżultanzi tax-xhieda u l-provi:-

Differential Pressure

L-espert il-Kaptan Reuben Lanfranco, fir-relazzjoni tiegħu li tifforma parti mill-*proces-verbal* tal-inkjesta dwar l-*in genere*, ikkonkluda:-

---

[16] Ara xhieda ta' Lawrence Spiteri CPD 13 ta' Marzu 2017 fl-atti tal-kumpilazzjoni.
[17] Ara xhieda ta' Lawrence Spiteri u Ludvic Vella fl-atti tal-kompilazzjoni, 13 ta' Marzu 2017.
[18] Rapport tal-awtopsja, *fol.* 428.
[19] Relazzjoni tal-espert Kaptan Reuben Lanfranco u relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri, *fol.* 407.

"*Mill-fatti u x-xhieda, is-sottoskritt huwa tal-fehma illi l-vittma, li kien ukoll bugħaddas ta' ħafna esperjenza, miet b'kawża ta' għarqa li seħħet meta huwa nġibed fil-gate-valve tal-baċir numru 4, b'kawża ta' differential pressure li kienet teżisti madwar il-fetħa tal-valve.*"

Fix-xhieda tiegħu[20], l-espert Kaptan Reuben Lanfranco ippreċiża illi l-operazzjoni tas-salvataġġ, għad illi ma tantx ħadet ħafna ħin, kienet relattivament diffiċli għaliex il-pressa tal-ilma kienet qawwija ħafna fil-viċinanzi tal-entratura tal-*valve*, tant illi kien hemm bżonn li tissejjaħ għall-għajnuna minn fuq l-art biex il-vittma jinġibed 'il barra minn ġol-*gate-valve*.

Fir-relazzjoni tiegħu, l-espert kompla jispjega:-

"*Peress illi l-pressa tal-ilma tkun qawwija ħafna meta jinfetħu l-gate-valves, ikun perikoluż ħafna li bugħaddas jibqa' fil-viċinanzi tal-gate-valve għax jista' jinqabad ġol-ġibda tal-ilma li tidħol fil-fetħa tal-valve. Dan għax jiġi kkawżat differential pressure fejn il-pressa tal-ilma barra mill-baċir tkun iżjed qawwija minn dik ta' ġewwa u għaldaqstant tinħoloq forza ta' ġibda ta' pressa ta' ilma li tmexxi fid-direzzjoni minn barra il-baċir, għal ġewwa.* ***Anki meta l-baċir ikun wasal biex jiġi ekwilibrat (jiġifieri li l-livell tal-ilma ġewwa l-baċir ikun indaqs ma' dak ta' barra, u għaldaqstant il-pressa tiġi newtralizzata) xorta ikun hemm ċertu pressa preżenti ...***"[21] (enfasi tal-Qorti)

Fisser ukoll illi minħabba l-fatt li l-Baċir 4 għandu sitt (6) *gate-valve*s, meta dawn ikunu miftuħin kollha, il-pressa tal-ilma li tkun għaddejja minn ġo fihom tinxtered bejniethom, u iżjed ma l-livell tal-ilma fil-baċir jibda tiela' 'l fuq mill-*gate-valve*s, iżjed tibda tonqos il-pressa tal-ilma ħdejn dawn il-*valve*s. Iżda meta wieħed biss mill-*valve*s ikun miftuħ, il-pressa għaddejja mill-istess *valve* tkun ferm iktar qawwija.

Huwa ppruvat mix-xhieda tal-bugħaddasa li kkordinaw l-operazzjoni tas-salvataġġ tal-vittma, illi anke meta niżlu huma stess taħt l-ilma madwar siegħa wara li kien ilu li niżel il-vittma, kien għad hemm pressa qawwija fil-viċinanzi tal-*valve* li kien maqbud fiha l-vittma, liema pressa kienet ta' perikolu wkoll għalihom tant illi kellhom joqgħodu attenti li ma jinġibdux huma wkoll fit-toqba.

Is-Surġent Audrick Plum xehed, fl-atti tal-inkjesta, illi meta kien taħt l-ilma ħass *suction* qawwija tiġbdu dejjem iktar lejn in-naħa ta' ġewwa tal-baċir:

---

[20] Fl-atti tal-kumpilazzjoni, seduta tal-25 ta' Frar 2019.

[21] F'paġna 25/26 tar-relazzjoni tiegħu. Il-qawwa tal-pressa tal-ilma li jkun dieħel fil-baċir mill-gate valves tidher fir-ritratti PV14 formanti parti mir-relazzjoni tal-espert Kaptan Reuben Lanfranco, *fol.* 370.

"*Kif ersaqna lejn din il-famuża toqba l-flipper tiegħi litteralment tgħawwġet 'il ġewwa u hemmhekk indunajna li għad hemm il-kurrent u ħassejt b'idejja li hemm persuna, hemm ċilindru mwaħħal*."[22]

L-istess xehed is-Surġent Tyrone Ghirxi[23], li stqarr illi għalkemm ma kienx sema' ħsejjes ta' muturi u pompi għaddejjin meta kien taħt l-ilma ħdejn it-toqba tal-*valve*, qal li l-pressa tal-ilma tant kienet qawwija li jiftakar jara l-*fin* li kienet għadha mwaħħla ma' sieq il-vittma, tperper bil-qawwa.

Il-kurrent qawwi li fil-ħin li l-vittma kien niżel jogħdos, kien qed jiġbed lejn id-direzzjoni tal-Baċir 4 tramite l-*valve* li baqgħet miftuħa, huwa manifestat ukoll fil-fatt illi wieħed mill-*flippers* u l-*mouth piece* tal-vittma, kif ukoll ir-rutella, ġew ilkoll lokalizzati mhux fil-parti tal-baħar fejn kien niżel il-vittma, iżda fil-qiegħ tal-Baċir 4 wara li dan tbattal kollu mill-ilma.

Minn dan kollu jikkonsegwi pjuttost loġikament illi, bil-kontra ta' dak li xehed Stephen Farrugia quddiem il-Qorti Istruttorja, fil-ħin meta l-vittma niżel fil-baħar għall-ħabta tal-11.25 a.m. il-livell tal-ilma fil-baċir ma setax kien ekwilibrat mal-livell tal-baħar. Dan qed jingħad għaliex, kif rajna, il-bugħaddasa li siegħa wara kienu waslu fuq il-post biex jipprovaw isalvawh, ilkoll xehdu dwar il-pressa qawwija li kienet għadha qed taħkem fil-viċinanzi tal-*valve* fejn kien maqbud il-vittma, liema pressa kienet tkun newtralizzata kieku l-livell tal-baħar kien indaqs fuq iż-żewġ naħat tal-baċir.

Charles Portelli, li fiż-żmien tal-inċident kien id-Dock Master inkarigat mit-tarzna tas-soċjeta' konvenuta, ukoll esprima l-fehma illi l-fatt li l-vittma inġibed ġewwa l-*valve* ifisser li l-livell tal-ilma fuq iż-żewġ naħat tal-baċir ma kienx ekwilibrat. Xehed illi fil-preżenza ta' *differential pressure* fil-baħar, il-bugħaddas *"mhux suppost jinżel* [...] *għaliex ikun hemm iktar saħħa fis-suction*"[24]

[22] Xhieda fis-seduta tal-25 ta' April 2017 fl-atti tal-kumpilazzjoni.
[23] Xhieda fl-inkjesta dwar l-*in genere.*
[24] Xhieda ta' Charles Portelli quddiem din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2022.

Huwa għalhekk stabbilit illi fil-ħin meta Patrick Joseph Vella niżel jogħdos, kien għad hemm jaħkem mal-*valve*, element sostanzjali ta' *differential pressure* li kkaġunat *suction* qawwi mill-*valve* fid-direzzjoni tal-baċir.

Apparat

Kif ingħad qabel, meta l-vittma kien instab maqbud fit-toqba tal-*valve*, ma kellux il-*mouth piece* f'ħalqu. Il-*mouth piece* kien eventwalment ġie lokalizzat fil-qiegħ tal-Baċir 4 fuq in-naħa l-oħra tal-*valve* fejn kien insab maqbud il-vittma.

L-espert Kaptan Rebuen Lanfranco, fir-relazzjoni tiegħu, fisser illi l-*mouth piece* faċilment tista' tinqala' minn mad-*demand valve* għaliex m'hijiex parti integrali mid-*demand valve* u tinbidel ta' spiss. Għalhekk, il-fatt li dan kien inqala' m'huwiex indikattiv ta' difett fid-*demand valve* jew fl-apparat li kien qed jintuża mill-vittma biex jogħdos.

L-apparat u tagħmir li kien liebes il-vittma meta niżel jogħdos meta tilef ħajtu, kien ġie spezzjonat mill-espert imqabbad fl-Inkjesta, Kaptan Reuben Lanfranco. Spezzjona speċifikatament id-*demand valve regulator, mouthpiece* u ċilindru, kif ukoll is-sistema li intużat għall-mili taċ-ċilindru bl-ossiġnu u t-tagħmir l-ieħor kollu li kien qed jaħgmel użu minnhom il-vittma[25], u kkonkluda li dawn ma kien fihom ebda ħsara u kienu lkoll f'kundizzjoni tajba u idonei għall-intervent li kellu jitwettaq mill-vittma. Ikkonkluda wkoll li l-apparat kien idoneu biex tħares is-saħħa tal-vittma u biex iwettaq xogħolu b'mod sigur, u eskluda li dawn setgħu kienu ta' detriment għall-vittma jew għal saħħtu jew ikkaġunaw jew ikkontribwixxew b'xi mod għall-inċident:

Il-Kaptan Reuben Lanfranco ikkonkluda wkoll illi ċ-ċilindru tal-arja li kien intuża mill-vittma, kieku kien imtela sal-massimu tiegħu (15-il litru), ġeneralment jagħti arja lill-bugħaddas għal iktar minn siegħa jekk il-bugħaddas ma jieħux nifs qawwi jew ma jistrapazzax ruħu. Iżda jekk jintilef il-*mouth piece* u jinqala' d-*demand valve* minn ħalq il-bugħaddas, bħalma ġara fil-każ tal-vittma odjern, hemm il-possibbilita' li r-*regulator* imur fuq *free flow*, li jfisser li l-arja toħroġ b'rata qawwija ħafna miċ-ċilindru

[25]Stabilizing jacket, dry suit u maskla tal-wiċċ, fost tagħmir ieħor li kien instab fuq il-post.

sakemm jiżvojta, u f'każ bħal dak, iċ-ċilindru seta' jiżvojta anke f'ħin ta' ħames minuti[26].

Iżda ġie sottomess mill-konvenuti illi bil-kontra ta' dak li kkonkluda l-Kaptan Lanfranco, l-arja miċ-ċilindru ma taħrabx tramite d-*demand valve* kemm il-darba l-bugħaddas ma jkunx qiegħed attivament jiġbed in-nifs mill-*valve*, u għalhekk anke jekk il-vittma fil-każ in eżami tilef il-*mouth piece* minn ħalqu, ma setax ir-*regulator* imur fuq *free flow* sakemm ma kienx difettuż. Argomentaw, għalhekk, illi l-fatt illi ċ-ċilindru nstab mingħajr ebda arja ġo fih ifisser neċessarjament illi d-*demand valve* kien difettuż, jew inkella il-vittma niżel jogħdos biċ-ċilindru tal-arja kważi vojta jew mhux mimli kollu, bil-konsegwenza illi meta weħel fit-toqba tal-*gate-valve*, l-arja fiċ-ċilindru ma servietx sakemm waslet l-għajnuna għad illi l-assistenza waslet tempestivament.

Iżda fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuti ma seħħilhomx iwaqqgħu il-validita' tat-teżi tal-espert imqabbad fl-inkjesta dwar l-*in genere*: la affrontawh bit-teorija kuntrarja tagħhom li r-*regulator* ma setax, allegatament, imur *free flow* bit-telfa tal-*mouth piece* u d-*demand valve* minn ħalq il-vittma, u lanqas ġabu prova esperta *ex parte* sodisfaċjenti li tikkonvinċiha li l-konklużjoni tal-espert li kien żamm l-aċċess u eżamina fuq il-post tal-inċident l-apparat kollu tal-vittma u għamel l-istħarriġ kollu meħtieġ dwar id-dinamika tal-inċident minnufih li dan kien seħħ, ma tiswix jew m'hijiex ta' min joqgħod fuqha.

Hawnhekk il-Qorti ma tistax tonqos li tikkunsidra l-fatt illi l-Kaptan Joe Gabriele, l-espert *ex parte* prodott mill-konvenuti, irrediġa r-rapport tiegħu xejn inqas minn seba' snin wara l-inċident u evidenti li la kien ispezzjona x-*shipyard* fiż-żmien tal-inċident, u wisq inqas ma kien eżamina fiżikament jew xort'oħra l-apparat li kien liebes il-vittma waqt l-operazzjoni fatali. Għalhekk kwalsiasi konsiderazzjoni magħmula minnu dwar l-istat li fih kien l-apparat, u l-istat ta' manutenzjoni li kien fih ix-*shipyard* tas-soċjeta' konvenuta, fiż-żmien tal-inċident, ma jistax jingħata piż jew affidabbilita', apparti l-fatt

[26] Paġna 22 tar-relazzjoni tal-Kaptan Reben Lanfranco.

li x-xhud innfisu stqarr fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti li m'huwiex bugħaddas espert u kien fil-passat jogħdos b'mod rikreattiv mhux professjonali[27].

Għalhekk, din il-Qorti - li għandha quddiemha l-prova tal-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert in materja li kien ġie mqabbad mill-Maġistrat fl-inkjesta dwar l-*in genere* biex jirrelata dwar id-dinamika tal-inċident u l-fatturi li wasslu għall-mewt ta' Patrick Joseph Vella - m'hijiex sejra twarrab għal xejn b'xejn il-prova li nġiebet mill-attriċi, prova li tistabbilixxi li d-*demand valve* użat mill-vittma kien ħieles minn difetti u kien jaħdem tajjeb[28]. Lanqas m'hi sejra tqarrab it-teżi tal-Kaptan Reuben Lanfranco li probabbilment, ir-*regulator* mar fuq *free flow* għaliex id-*demand valve* inqala' minn ħalqu, mhux għaliex l-arja fiċ-ċilindru ma servietx għaliex dan ma kienx imtela biżżejjed mill-vittma nnifsu.

Hawnhekk irid jiġi ribadit, kif ingħad qabel, illi l-vittma kien inġibed fit-toqba tal-*valve* minħabba l-pressa qawwija tal-ilma u inqabad hemmhekk b'mod li ma setax joħroġ u għalhekk, f'kull każ, m'hu xejn remot l-ipotesi li, kif del resto ġie kkunsidrat ukoll mill-Kaptan Reuben Lanfranco fir-relazzjoni tiegħu, illi l-*mouth piece* u *demand valve* inqalgħu minn ħalqu fil-paniku li inevitabbilment ħakmu meta kien qed jissielet biex joħroġ mit-toqba tal-*valve*, u ma setax jerġa' jsibhom minħabba l-viżibilita' fqira ħafna fl-ilma[29]. Għad illi t-telfa tad-*demand valve* minn ħalqu tassew seta' għaġġel il-proċess tal-għarqa, għaliex il-vittma safa mingħajr ossiġnu u ma setax jieħu nifs, il-fatt jibqa' illi l-vittma ma setax jitla' f'wiċċ l-ilma għaliex kien imwaħħal fit-toqba tal-*valve* minħabba pressa qawwija kkaġunata mid-*differential pressure* riżultat tal-livell iktar baxx tal-ilma fil-baċir mil-livell tal-baħar.

Kemm hu hekk, l-espert Kaptan Reuben Lanfranco ikkonkluda:

---

[27] Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rapport tal-espert fih analiżi u ġabra ta' kummenti u sottomissjonijiet mhux neċessarjament tekniċi dwar ix-xhieda u l-evidenza miġbura fl-inkjesta, li ma jikkostitwixxux prova, u spekolazzjonijiet li m'humiex sopportati minn fatti jew kostatazzjonijiet magħmula direttament mill-espert.

[28] "[l]*t-tagħmir li kien qed jagħti l-arja fil-ġisem tal-vittma kien qed jaħdem tajjeb*" – xhieda tal-Kaptan Reuben Lanfranco fl-atti tal-kumpilazzjoni.

[29] Huwa stabbilit ukoll l-viżibbilita' taħt l-ilma fil-baċir hija fqira ħafna minħabba t-tinġis billi dan jinsab 'il ġewwa nett fil-Port il-Kbir, hi fqira ħafna: fi kliem is-Surġent Audrick Plum wieħed irid jagħmel idu quddiem wiċċu biex jaraha taħt l-ilma.

"*Għalkemm hemm sistema li tiġi mgħallma lil kull bugħaddas biex wieħed ikun jista' xorta waħda jieħu l-arja miċ-ċilindru li jkun għaddej bil-free flow, dan isir sakemm il-bugħaddas ikun jerġa jitla' fil-wiċċ tal-ilma, li fil-kas tal-vittma, Patrick Vella, dan ma setax jagħmlu għaliex kien maqbud fil-valve gate.*"[30]

Stabbilit dan kollu, imiss li tiġi mistħarrġa l-materja tar-responsabbilita' tal-konvenuti jew min minnhom għall-mewt ta' Patrick Joseph Vella u kwindi għad-danni reklamati mill-attriċi l-werrieta tiegħu.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-

"Kull min jagħmel użu ta` jedd tiegħu fil-qies illi jmiss ma jweġibx għall-ħsara illi tiġri b`dan l-użu."

Iżda, skont l-artikolu 1031:-

"*... kull wieħed iwieġeb għall-ħsara illi tiġri bi ħtija tiegħu*."

L-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi l-kunċett tal-ħtija li tagħti lok għal responsabbilita' ċivili għall-ħlas tal-ħsarat, u jidentifikaha f'dik l-imġieba fejn jirriżulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias*:-

> *(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*
> *(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenzajew ta' ħsieb fi grad akbar.*

Minn qari tal-kumpless ta' dawn id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi jinsilet il-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara li titnissel minn egħmil bħal dak imsemmi fl-artikolu 1032 tal-Kap. 16, huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi dannużi li dak l-att iġib

---

[30] *Fol.* 349.

miegħu, irrispettivament jekk ir-rapport li ta lok għall-ħsara huwiex wieħed kuntrattwali[31] jew extra-kuntrattwali.

Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana, jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara kkaġunat bi ħtija tiegħu huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li dak l-att iġib miegħu.

Skont l-artikolu 1033 tal-Kap. 16:-

"*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb illi jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta` prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos illi jagħmel xi ħaġa illi biha jikser xi dmir impost mil-Liġi, huwa obbligat għall-ħsara illi tiġri minħabba f`hekk*."[32]

Minn qari komplessiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi ma hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu, b'negliġenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mil-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu, ħsara lil ħaddiehor, għandu jwieġeb għal tali ħsara hekk ikkawżata[33].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vassallo vs Mizzi et**[34], ġie ritenut li:-

".... l-ħtija meta tigi kkunsidrata fl-entita' tagħha hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunament imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza ... In kwantu ghall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel 'ex nunc'."

Safejn għandha x'taqsam il-kulpa akwiljana, fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **David Brincat et v. Francis Sammut et** ingħad hekk:-

---

[31] Art. 1132(1) tal-Kap. 16.

[32] Fil-kamp kriminali, id-disposizzjoni legali analoga hija dik fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar kondotta li jkun riskontrabbli fih in-nuqqas ta' ħsieb, minn traskuraġni, jew in-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew in-nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti.

[33] Fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXIV. I. 172, ingħad illi tissussisti l-*culpa*: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*" - Dan kollu huwa riportat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' April 2016 fl-ismijiet **Andrew Brincat et v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et.**

[34] Deċiża mill-Prim'Awla fid-9 ta' April 1949 (Vol. XXX111.ii.379).
Ċitata fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Maġġur Alfred Briffa et v. The Golden Shepherd Company Limited et**, tal-31 ta' Ottubru 2013.

"Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita fil-kondotta ta' ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli."[35]

Huwa wkoll miżmum illi:-

"*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*"[36].

Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att li huwa kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza u li jikkawża d-dannu, mal-prevedibilita' ta' dak l-event dannuż :

"*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*"[37].

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti jisħqu illi Patrick Vella ma kienx ħaddiem li ġie imqabbad minn xi ħadd minnhom biex jagħti x-xogħol jew is-servizzi tiegħu, għaliex il-kuntrattur li ġie mqabbad biex jippresta s-servizz ta' bugħaddas fix-*shipyard* tas-soċjeta' konvenuta, kien S.A.L.P.A Limited mhux il-vittma nnifsu. Konsegwentement ebda wieħed minnhom ma kellu ebda relazzjoni kuntrattwali mal-vittma *de proprio*: semmai, kien hemm biss relazzjoni ta' appalt bejn is-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyward Limited u S.A.L.P.A Limited.

Ġie sottomess ukoll illi f'kull każ, ma kienx hemm relazzjoni ta' impieg bejn is-soċjeta' konvenuta u l-vittma u għalhekk, safejn kellu x'jaqsam l-istess vittma u l-kumpannija S.A.L.P.A Limited, ma tistax titqies li kienet marbuta bl-obbligi legali mixħutin fuq il-prinċipal jew min iħaddem, biex iħares is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u

[35] Deċiż 28 ta' Ġunju 2016, konfermata ħlief għal-likwidazzjoni tad-danni, mill-Qorti tal-Appel b'sentenza tas-17 ta' Frar 2022.
[36] Ara - Kollez. Vol. XLII. I. 74.
[37] Ara – Kollez. Vol. XLVIII. I. 258.

billi jevalwa u jipprevjeni ir-riskji marbutin mas-servizzi li kellhom jiġu prestati mill-bugħaddas mibgħut minn S.A.L.P.A Limited taħt kuntratt ta' appalt.

Iżda l-konvenuti, b'dak l-argoment, jinsew illi r-responsabbilita' għar-riżarċiment tal-ħsara titnissel mhux biss mill-ksur ta' obbligu kuntrattwali iżda titnissel ukoll mill-imġieba ta' kull min jimxi b'nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias* liema imġieba tikkaġuna l-ħsara subita, irrispettivament jekk ir-rapport li ta lok għall-ħsara huwiex wieħed kuntrattwali[38] jew extra-kuntrattwali.

Negliġenza tas-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyard Limited

Il-verżjoni tal-konvenuti hi li l-oneru kien unikament fuq il-vittma u l-kumpannija li kien jirrappreżenta u kien ingaġġat minnha, S.A.L.P.A Limited, li jagħmlu l-evalwazzjoni tar-riskji li kienu jeżistu fil-provviżjoni tas-servizzi li kien imqabbad jagħti. Dan għaliex Patrick Vella, billi ma kienx imqabbad mis-soċjeta' konvenuta, ma setax jitqies bħala 'ħaddiem' tas-soċjeta' konvenuta għall-finijiet tal-liġi dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Isostnu wkoll illi s-soċjeta' konvenuta kellha relazzjoni biss ma' kien iħaddem il-vittma, liema relazzjoni kienet imnissla minn kuntratt ta' appalt u mhux kuntratt ta' impieg jew servizz regolat mill-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452).

Iżda b'dan l-argoment huwa manifest li l-konvenuti qed iwarrbu l-fatt illi r-responsabbilita' għall-inċidenti li jseħħu fuq post tax-xogħol tmur lil hinn mir-relazzjoni ta' bejn il-ħaddiem u min iħaddmu.

Ġaladarba s-soċjeta' konvenuta talbet għas-servizzi ta' bugħaddas biex jaħdem fis-sit fejn kellu jitwettaq ix-xogħol liema sit kien taħt il-kontroll tagħha, kienet responsabbli għas-saħħa u s-sigurta' tiegħu.

L-artikolu 2(1) tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424) jiddefinixxi "ħaddiem", għall-fini tal-obbligi dwar saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol, bħala:-

[38] Art. 1132(1) tal-Kap. 16.

"*kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li* ***tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz****, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment;"* (Enfasi tal-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Bellia v. Saviour Agius**, tas-26 ta' Ġunju 2025, il-Qorti tal-Appell qalet hekk fir-rigward:-

"36. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Lulju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Company Limited****, ir-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu d-dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Mejju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet* ***John Muscat v. Camray Limited et*** *u dik tal-25 ta' Frar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet* ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited****).*

37. [...] *Kull min ikollu taħt idejh il-kontroll tal-ambjent fejn ikun qiegħed jitwettaq xi xogħol, jibqa' xorta waħda mgħobbi bid-dmir ġenerali ta'* neminem laedere *(jiġifieri li ma jweġġa' lil ħadd), u għalhekk huwa mistenni li jagħmel dak kollu li jkun raġonevolment meħtieġ u prattiku sabiex jelimina, jew minn tal-inqas jevita kemm jista' jkun, il-perikli u r-riskji għal dawk li jkunu qegħdin jidħlu fis-sit taħt kontroll tiegħu."*

Dan l-insenjament huwa konformi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 6 Kapitolu 424:

6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà ***tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol*** *li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem ***jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att****:*

Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.

(2) Il-miżuri li għandhom ittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -

(a) li jiġi evitat riskju;
(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;
(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħuxjiġu evitati;

(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;
(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;
[…]"[39]

Għalhekk, l-argoment tal-konvenuti li s-soċjeta' konvenuta kienet meħlusa minn kull oneru li tagħmel evalwazzjoni tar-riskji marbutin max-xogħol li kellu jagħti l-vittma għan-nom ta' S.A.L.P.A Limited fix-*shipyard* ġestit minnha, u / jew mill-oneru li tassigura li jiġu identifikati, kontrollati u evitati dawk ir-riskji, ftit għandu valur.

Din il-konklużjoni hija konsolidata mid-dispożizzjonijet rilevanti tar-Regolamenti Dwar Disposizzjonijiet Ġenerali Dwar Is-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post Tax-Xogħol (Avviż Legali 36 tal-2003)[40], kif kienu fis-seħħ fid-data tal-inċident fatali, 28 ta' Frar 2015, liema regolamenti jsibu applikazzjoni f'kull post tax-xogħol b'mod indiskriminat. Id-dmir ta' min iħaddem li jagħmel valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurta' u jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jiġu evitati dawn ir-riskji kif ukoll il-kontroll tal-fatturi li jistgħu jagħtu lok għal inċidenti jew li joħolqu riskji għas-saħħa, insibuh f'diversi regolamenti fl-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja 418.18.

5.(1) *Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu, wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriża u, jew tal-istabbiliment-*
(i) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-Sigurtà,
(ii) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu

[…]

6.(1) *Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dan kollu, min iħaddem għandu jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà, fost l-ohrajn fl-għażla tat-tagħmir tax-xogħol, is-sustanzi kimiċi u l-preparazzjonijiet kimiċi użati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol, u l-għażla u t-tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikli.*

[…]

(3)*Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-aħħar subregolament, u kif neċessarju, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jippreveni riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għandu jikkontrolla dawk il-fatturi li jistgħu jagħtu lok għal inċidenti jew li joħolqu riskju għas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol inkluż fejn neċessarju billi*

[39] Enfasi tal-Qorti.
[40] Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18.

jbiddel metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, sabiex jiġi żgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħlu saħħa u sigurtà.

10.(1) *Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffi/enti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriĵultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża.*

Analizzati l-provi u x-xhieda, il-Qorti tibda biex tosserva illi fiż-żmien tal-inċident is-soċjeta' konvenuta kellha ħaddiem impjegat magħha fir-rwol ta' Health and Safety Manager tax-*shipyard* ġestit minnha, il-konvenut Mark Grech[41].

Madankollu, ġie mistqarr mill-istess konvenut[42] illi s-soċjeta' konvenuta kienet tagħmel assessjar bażiku ħafna tar-riskji tal-post tax-xogħol u ma kellha ebda pjan jew proċeduri bil-miktub li jipprovdi għas-saħħa u sigurta' tal-bugħaddasa li jagħmlu x-xogħol meħtieġ taħt l-ilma fil-baċiri jew fix-*shipyard* ġestit minnha. Dan għaliex ma kienetx timpjega internament bugħaddasa speċjalizzati, u kienet tqabbad bugħaddasa minn barra. Għalhekk, kienet tistenna li l-assessjar tar-riskji marbutin max-xogħol tal-bugħaddasa u l-fornitura tal-apparat kollu meħtieġ biex jogħdsu, isir mill-kuntrattur innifsu li lilu jingħata x-xogħol, filwaqt li min-naħa tagħha tipprovdi l-għodda meħtieġ għax-xogħol ta' tiswija skont il-kas. Il-konvenut Mark Grech xehed ukoll li ma kien jinghata ebda forma ta' struzzjonijiet *standard* lill-bugħaddasa appaltati, dwar kif għandu jsir ix-xogħol fil-baċiri, għajr li x-*ship manager* kien jagħti struzzjonijiet dak il-ħin dwar l-intervent meħtieġ u r-riskji involuti.

Mark Grech xehed:

---

[41] Ir-regolament 9 tal-Avviż Legali 36 tal-2003 kien jipprovdi hekk:-
9.(1) *F'kull post tax-xogħol, min iħaddem għandu jagħżel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistieh fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol.*
[...]
(3) *Jekk, għal xi raġuni, il-miżuri protettivi u preventivi meħtieġa minn dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu organizzati minħabba nuqqas ta' personal kompetenti fl-impriża u, jew l-istabbiliment, min iħaddem għandu jqabbad servizzi jew persuni esterni li jkollhom il-ħajra u l-mezzi personali u professjonali neċessarji.*
[42] Ara xhieda ta' Mark Grech fl-inkjesta dwar l-in genere – *fol.* 478.

"*... risk assessment għandna a very basic one għaliex aħna m'aħniex esperti pero' huma bħala divers naħseb ir-riskji jafuhom, jevalwawhom u l-control measures.*"

Il-konvenut Joseph Calleja li fiż-żmien tal-inċident kien il-*General Manager* tas-soċjeta' konvenuta, ukoll stqarr fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti illi ma kienx hemm *safety plan* applikabbli għall-ħidma li ssir minn bugħaddasa fix-*shipyard* tas-soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti tqis illi l-inklużjoni b'mod *standard* fil-*purchase orders* maħruġa mis-soċjeta' konvenuta għas-servizzi pprovduti mill-vittma u jew il-kumpannija tiegħu[43], tal-istipolazzjoni: "*All Divers engaged should have the necessary training and competence to carry out such activity*", ma jeżonerahiex mill-obbligi legali tagħha fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari d-dmir li tipprovdi lill-ħaddiema tagħha post sigur biex iwettqu l-ħidma tagħhom[44].

L-espert il-Kaptan Reuben Lanfranco xehed[45]:-

"*Ħafna drabi dana wkoll isir b'xi forma ta' agreement li l-bugħaddas jiffirma xi notifikazzjoni jew xi karta li turi li dan ġie mwissi b'dawk il-perikoli partikolari li wieħed jista' ovjament jiltaqa' magħhom waqt dan it-tip ta' xogħol.*"

In-nuqqas ta' pjan ta' saħħa u sigurta' fix-*shipyard* ġestit mis-soċjeta' konvenuta, mill-inqas safejn kellu x'jaqsam ix-xogħol eżegwit mill-bugħaddas li ġie mqabbad biex jinżel taħt l-ilma biex jgħin fit-tiswija tal-ħsara flil-*gate-valve* tal-Baċir 4, huwa wkoll evidenti minn eżami ħafif tal-ġabra tal-provi proċesswali.

Fil-prattika, wieħed kien jistenna, bħala prekawzjoni minima u bażika, li s-soċjeta' konvenuta tipprovdi min-naħa tagħha minn tal-inqas persuna waħda biex toqgħod għassa minn fuq l-art jew minn parti oħra tal-baċir matul il-ħin kollu li fih il-bugħaddas

---

[43] Parti minn Dok. BG1, minn *fol.* 1101 sa *fol.* 1144 tal-atti tal-kawża. Baldo Guberti xehed illi l-purchase orders kienu jintbagħtu lis-supplier b'mod elettroniku.

[44] Mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta kienet tħaddem sistema fejn wara li jsir il-kuntatt mal-kuntrattur li kellu jipprovdilha s-servizz - fil-każ ta' servizzi ta' diving, S.A.L.P.A Limited - kienet toħroġ *purchase order* li fih ikun speċifikat ix-xorta tas-servizz meħtieġ u dan kien jintbagħat elettronikament lill-kuntrattur għall-approvazzjoni. Il-*purchase order* kien jinkludi fil-korp tiegħu l-istipolazzjoni fuq imsemmija.

[45] Fl-atti tal-kumpilazzjoni, xhieda tal-25 ta' Frar 2019.

ikun taħt l-ilma, kif ukoll sistema jew tagħmir li jipprovdi lill-bugħaddas mezz biex jissenjala lil min ikun fuq l-art, il-ħtieġa ta' għajnuna jew il-ħtieġa li jinġibdu il barra mill-ilma f'każ ta' emerġenza.

Iżda l-provi jistabbilixxu illi s-soċjeta' konvenuta naqset milli tiżgura l-presenza l-ħin kollu ta' persuna fuq l-art li tissorvelja l-operazzjoni għat-teħid tal-qisien tal-*flange* tal-*valve* taħt l-ilma: ebda impjegat jew rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta ma kien preżenti fuq il-post biex issir sorveljanza tal-vittma waqt li kien taħt l-ilma.

Fil-ġurnata tal-inċident fatali, id-Dock Master tat-tarzna tas-soċjeta' konvenuta, Charles Portelli, ma kienx daħal għax-xogħol għaliex kien assenti minħabba raġunijiet ta' saħħa, iżda kellu jlaħħaq minfloku Simon Zammit, li kien jokkupa l-kariga ta' *Yard Manager* tas-soċjeta' Palumbo Super Yachts Limited u kien responsabbli mill-Baċiri 2 u 3. Madankollu, jirriżulta mis-smigħ tax-xhieda, li Simon Zammit kien jinsab fil-baċir bin-numru 6 fil-ħin tal-inċident u ma seta' jagħmel xejn għaliex ġie mgħarraf li kien hemm bugħaddas fid-diffikolta', biss meta l-operazzjoni tas-salvataġġ kienet diġa' għaddejja.

Huwa minnu li Andrea Depasquale, l-*operations manager* tas-soċjeta' konvenuta, xehed illi biex jitwettaq l-intervent mill-bugħaddas ma kienx meħtieġ il-preżenza tad-Dock Master, għaliex xogħol id-Dock Master hu li jieħu ħsieb l-arranġamenti tal-użu tal-baċiri, idaħħal il-vapur u jniżżlu fuq il-punti. Fil-fatt, ikkonferma illi l-intervent li kellu jitwettaq taħt l-ilma fuq il-*valve* tad-*docking gate* tal-baċir, kien jirrientra fir-responsabbilitajiet tal-*manager* tal-infrastruttura li dak iż-żmien kien Stephen Farrugia.

Madankollu, Stephen Farrugia stqarr fix-xhieda tiegħu li ma kienx baqa' fuq il-lok fejn kellu jsir l-intervent tal-ispezzjoni taħt l-ilma mill-bugħaddas, għaliex il-presenza tiegħu kienet meħtieġa fuq xogħol ta' *docking* ta' vapur fil-Baċir 6. Ikkonferma wkoll li ma kienx hu li ta l-istruzzjonijiet lill-vittma qabel ma niżel fil-baħar iżda kien Emiliano Cirillo, il-manager tax-*shipyard*, li kellu jissorvelja l-operazzjoni u kellu jkun pront biex jintervjeni.

Iżda Emiliano Cirillo, ix-*ship manager* li ta l-istruzzjonjiet lil Patrick Joseph Vella dwar ix-xogħol li kellu jwettaq taħt l-ilma, *ex admissis* ma kienx preżenti matul il-ħin kollu tal-intervent imwettaq mill-vittma minn taħt l-ilma, għad illi l-intervent kellu jdum biss ftit minuti. Stqarr illi kif appena l-vittma niżel fil-baħar, huwa kien telaq minn fuq id-*docking gate* u mar fil-*plate shop*, u reġa' mar jittawwal fil-baħar mil-lok fejn il-vittma kien niżel jogħdos, bejn ħames u għaxar minuti wara.

Mario Abela, li wkoll kien fuq id-*docking gate* meta l-vittma wasal fuq il-post, ukoll kien laħaq telaq minn fuq il-post u mar fil-*plate shop* sakemm il-vittma niżel jogħdos.

Il-Qorti taqbel illi s-soċjeta' konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li taċċerta li l-bugħaddas ikkommissjonat minnha kellux apparat idoneu u arja biżżejjed fiċ-ċilindru tiegħu, u lanqas kellha ebda obbligu biex tagħti struzzjonijiet dwar kif kellu jwettaq l-inkarigu mill-perspettiva tal-operat tal-bugħaddas. Iżda xejn ma jeżoneraha mill-obbligu li, bħala l-persuna fil-kontroll tas-sit fejn ikun qed isir ix-xogħol u l-persuna li għaliha ikun qed isir dak ix-xogħol (i) tieħu ħsieb li jipprovdi ambjent li jiżgura s-saħħa tal-ħaddiem, (ii) tiżgura li l-ambjent tax-xoghol huwa tali li l-ħaddiema kollha li jużaw is-sit fejn iwettqu xogħolhom, ma jkunux esposti għal riskji evitabbli u jiġu minimizzati riskji oħrajn, u (iii) tipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma ta' inċident li jippreġudika lill-impjegati u min jaħdem fis-sit tagħha[46].

Iżda fil-każ in eżami, is-soċjeta' konvenuta ma pprovdiet ebda sistema ta' superviżjoni fuq il-ħaddiema li nġiebu jaħdmu fis-sit kontrollat minnha, biex jiġi evitat inċident bħal dak li seħħ fil-każ odjern. Anke jekk tassew kellha diversi impjegati imħarrġin b'mod speċifiku fl-għoti tal-ewwel għajnuna, ma jirriżultax li xi ħadd minnhom kien fuq is-sit jissorvelja l-operazzjoni li kienet qed titwettaq taħt l-ilma mill-vittma, u ma jirriżultax lanqas illi xi ħadd minnhom issejjaħ biex jagħti l-għajnuna tempestivament meta l-vittma naqas milli jitla' minn taħt l-ilma meta kien mistenni.

Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' konvenuta, tramite l-impjegati tagħha, mhux biss naqset milli tipprovdi sistema ta' sorveljanza, kontroll u amministrazzjoni adegwata tal-

[46] Ara sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells et noe.** (Citaz. Numru 766/93 NA), 29 ta' Mejju 2001.

operazzjoni eżegwita mill-bugħaddas Patrick Joseph Vella, iżda naqset ukoll milli tipprovdi mezzi bażiċi lill-vittma biex jallerta f'każ ta' emerġenza, kif ukoll informazzjoni b'istruzzjonijiet ċari dwar ir-riskji preżenti fuq il-post tax-xogħol, f'dan il-każ ir-riskji li jeżistu taħt l-ilma fil-baċiri tagħha jew fil-viċinanzi immedjati tagħhom[47].

Il-Qorti fliet ix-xhieda u tosserva illi ma jidhirx li Emiliano Cirillo kien ipprovda struzzjoni ċara u inekwivoka lill-vittma biex ma jidħolx fil-baħar fuq in-naħa ta' barra tal-baċir minħabba l-pressa qawwija tal-ilma madwar it-toqda tal-*valve*: mistoqsi mill-espert Kaptan Reuben Lanfranco[48] jekk tahx struzzjonijiet minn fejn kellu jinżel, Cirillo wieġeb: "*L'ho detto guarda scendi da questa parte che e' meglio ...*"

L-uniku tagħrif li Emiliano Cirillo kien ipprovda lill-vittma biex jiġi assigurat is-sigurta' tiegħu waqt l-operazzjoni li kellha ssir taħt l-ilma kien: *"... guarda questa la valvola, tu vai da lato per misurare una flanga di queste, poi dopo risali sopra mi dici la misura qual'e' e, pero' dopo, doveva fare il gasket*."

Is-soċjeta' konvenuta lanqas ħadet ħsieb tinkariga lil xi ħadd biex jieħu qies tad-diżlivell bejn il-baħar u l-ilma fil-Baċir 4 meta l-vittma ġie biex jinżel taħt l-ilma, u biex jitkejjel id-*differential pressure* (li kien jippreżenta riskju sinifikanti għas-sigurta' tal-bugħaddas fl-intervent li kien imqabbad jagħmel) u biex b'hekk jiġi żgurat li l-vittma jinżel taħt l-ilma biss meta l-livelli jkunu ekwilibrati. Kemm hu hekk, Emiliano Cirillo xehed illi qabel il-vittma kien niżel fl-ilma, hu ma kienx kejjel jew ta kas tal-livell tal-ilma fl-baċir biex jara li dan kienx ekwibilrat mal-livell tal-baħar[49].

Ma hemm xejn fil-provi li juri illi l-vittma ġie mqar avżat biex ma jogħdosx viċin il-*valve* minħabba d-*differential pressure*. Fi kwalsiasi każ, jekk tassew il-vittma kien

---

[47] Ara xhieda ta' Emiliano Cirillo quddiem l-espert il-Kaptan Reuben Lanfranco, *fol.* 465. Mansjonijiet li kif rajna qabel, kienu jifformaw parti mill-irwol tiegħu bħala ship manager responsabbli għar-riparazzjonijiet li jsiru fil-baċir bin-numru 4.
Ara wkoll ir-regolament 12(1) tal-L.S. 424.18: "*Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jagħti informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom dwar:*
(i) ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li huma magħrufa minn min iħaddem jew li ġew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju mwettqa minn, jew għal min iħaddem, u li huwa magħruf li huma preżenti fil-post tax-xogħol in ġenerali, kif ukoll fejn jidħol kull stazzjon tax-xogħol individwali, u fejn jidħol xi tip ta' xogħol jew attività ta' xogħol assenjata;
(ii) il-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa fejn jidħlu r-riskji kollha identifikati;
(iii) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti fil-każ ta' periklu serju u imminenti preżenti fuq ix-xogħol ..."
[48] Fl-atti tal-inkjesta dwar l-in genere, *fol.* 475.
[49] Ara xhieda 8 ta' Novembru 2017 fl-atti tal-kumpilazzjoni.

ġie gwidat biex ma jogħdosx viċin il-*valve* bil-ħsara, u biex jżomm 'il bogħod minnha, ftit li xejn seta' jservi bħala mezz ta' assistenza, sigurta' jew komunikazzjoni il-*cable* tal-ħadid li kien ġie mniżżel mill-crane fil-baħar fil-viċinanzi tal-istess *valve* biex jimmarka l-pożizzjoni tal-*gate-valve* li kienet bil-ħsara.

Ma jirriżulta minn imkien mill-provi li l-*cable* tal-ħadid li ġie msemmi fir-rapport tal-Kaptan Joe Gabriele prodott bħala xhud espert mis-soċjeta' konvenuta[50] kien tqiegħed sewwasew biex iservi bħala *lifeline* għall-bugħaddas, anke għaliex ma kienx jipprovdi konnessjoni diretta jew mezz ta' komunikazzjoni bejn il-persuna tal-bugħaddas u min baqa' fuq l-art. Ma jirriżulta minn imkien mill-ġabra tal-provi illi l-cable tal-ħadid kien ġie mniżżel fil-baħar "*to provide a safety referenza point during the dive*", anziche' biex tindika l-pożizzjoni preċiża tal-*valve*[51]. Fil-fatt, Emiliano Cirillo fix-xhieda tiegħu ma qalx li kien indika lill-vittma qabel niżel fil-baħar, il-presenza tal-*cable*: mod ieħor, stqarr li minflok baqa' jissorvelja lill-vittma waqt li kien taħt l-ilma, telaq minn fuq il-post għal ftit minuti. Għalhekk il-cable indikat mill-espert *ex parte* ftit li xejn kien ta' użu għall-vittma.

Safejn fir-rapport tal-Kaptan Joe Gabriele saret riferenza għall-verżjoni ta' ċertu Valerio Alfieri[52] liema verżjoni tinsab fil-fotokopja tad-dikjarazzjoni <u>mhux ġuramentata</u> bid-data tat-2 ta' Marzu 2015, mehmuża mar-rapport ta'l- espert *ex parte* (App. 3), il-Qorti tosserva li l-imsemmija persuna f'ebda waqt ma nġieb biex jixhed quddiemha, u lanqas ma kien xehed matul l-inkjesta dwar l-*in genere*. Mill-atti li għandha quddiemha ma jirriżultax li kien xehed fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti Struttorja.

Għalhekk ma jista' jingħata ebda piż kwalsiasi lill-verżjoni fid-dikjarazzjoni attribwita lil ċertu Valerio Alfieri, kompriż fil-parti fejn jingħad fid-dikjarazzjoni illi Patrick Vella rrifjuta li jistabbilixxi mezz ta' komunikazzjoni waqt li kien taħt l-ilma, jew li juża *a floating signal*, u li Emiliano Cirillo insema' jagħti struzzjonijiet dettaljati lil Patrick Vella dwar il-miżuri ta' sigurta' li kellhom jiġu implimentati minnu u d-distanza li kellu jżomm mill-flange *valve*. Kif rajna qabel, Emiliano Cirillo fix-xhieda tiegħu ma qal

[50] Paġna 11 tar-rapport Dok. JG1.
[51] Ara xhieda ta' Joseph Calleja, 11 ta' Ġunju 2024.
[52] Joseph Calleja xehed li Valerio Alfieri kien l-operatur tal-crane li niżżel il-cabel tal-ħadid fil-baħar fil-viċinanzi tal-valve bil-ħsara.

xejn minn dan għajr illi kien indika li Patrick Vella kellu jinżel fl-ilma mill-parti tad-*docking gate* li tiġi l-iktar 'il bogħod mill-*valve* li kellu jissewwa.

Is-soċjeta' konvenuta naqset ukoll milli tipprovdi sistema ta' allert f'każ ta' emerġenza, imqar ħabel marbut mal-bugħaddas u miżmum minn xi ħadd fuq il-moll jew id-*docking gate* li jkun pront jiġbed il-bugħaddas barra mill-ilma jew isejjaħ għal għajnuna fil-pront. Sistema bħal din ġiet deskritta mill-Kaptan Reuben Lanfranco bħala "*lifeline*" li tintuża wkoll waqt tfittxijiet fil-baħar.

Fir-relazzjoni tiegħu qal hekk:-

"*2. Jekk bugħaddas ikollu jinżel fuq post fejn hemm suspett li jista' jkun preżenti xi differenza fil-pressa tal-baħar, dan irid jiġi mgħejjun minn persuna oħra li tkun fuq l-art (jew fuq il-bieba tal-baċir) u li jkollu f'idu ħabel li jkun marbut mal-bugħaddas biex jekk ikun hemm xi problema, din il-persuna tkun tista' tiġbed il-bugħaddas 'il fuq meta dan l-aħħar jagħmillu sinjal billi jiġbed huwa stess fuq il-ħabel għal bosta drabi.*"

Charles Portelli, li fiż-żmien tal-inċident kien id-Dock Master tax-*shipyard* tas-soċjeta' konvenuta, xehed illi kieku l-bugħaddas kien qed jagħmel spezzjoni tal-qiegħ tal-baċir biex jiċċekkja l-qiegħ ta' bastiment, kien jipprovdi lill-vittma ħabel bħala mezz ta' komunikazzjoni biex jagħmel is-sinjali anke permezz ta' ballun ('*float*') fil-wiċċ tal-ilma, u ma kienx iħallih jinżel jekk il-livell tal-ilma fil-baċir ma kienx *sea level*.

Is-soċjeta' konvenuta bla dubju kienet konxja tal-perikolu ppreżentat mill-eżistenza ta' *differential pressure* fil-baħar – perikolu li effettivament kien il-kaġun tal-mewt tal-vittma - u għalhekk kien jinkombi lilha timplimenta sistema ta' sigurta' biex tagħmel dak kollu meħtieġ biex tnaqqas ir-riskji inerenti fis-sit, għall-benefiċċju tal-bugħaddasa kuntrattati minnha minn barra biex jagħmlu interventi taħt l-ilma fil-baċiri tagħha u fil-madwar. Dan mhux biss billi tiżgura li l-bugħaddasa jiġu mgħarrfa bir-riskji speċifiċi li jeżistu taħt l-ilma fil-baċiri u dawk potenzjali, iżda billi tnaqqas b'mod attiv u tagħti l-assistenza u l-għodda kollha neċessarja biex jiġu evitati, dawk ir-riskji, senjatament, kif rajna, li tipprovdi *life-line* lill-vittma meta kien taħt l-ilma, tiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri li jiżguraw li jkun hemm biżżejjed persuni preżenti fuq il-post biex l-operazzjoni ssir b'ħarsien tas-sigurta' tal-bugħaddas u li l-bugħaddas jinżel taħt l-ilma biss meta l-livell tal-ilma fil-baċir ikun ekwilibrat mal-livell tal-baħar

ħalli l-pressa tal-ilma li jkun qed jinġibed fil-*valve* lejn l-baċir minħabba l-gravitazzjoni, tkun minimizzata[53].

Il-fatt illi l-vittma kien għaddas ta' esperjenza u seta' kien familjari max-xogħol taħt l-ilma fil-baċiri, ma setax jeżonera lis-soċjeta' konvenuta mid-dmir tagħha li tipprovdi *a safe system of work* lill-ħaddiem ingaġġat minnha fuq xogħol interentement riskjuż,

Fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Neville Desira et vs Grech & Co. Company Limited**, ingħad hekk fir-rigward:-

"*... fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza "**Borg vs Wells et nomine**" (K. 9 ta' Settembru 1981) illi "in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work", u dan tenut kont "tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol*".[54]

Dan kollu magħdud huwa biżżejjed biex inissel ness kawżali bejn il-ħsara mġarrba mill-vittma u egħmil kolpuż tas-soċjeta' konvenuta li naqset in kwantu ma ħarsitx l-obbligi tagħha imnisslin *ex lege* biex tipprovdi *a safe system of work* fis-sens appena mfisser, anke, jekk xejn, biex din is-sistema tilqa' kontra nuqqas ta' attenzjoni jew żbalji ta' terzi persuni – f'dan il-każ bugħaddasa - li kienet tikkuntratta biex jipprovdu l-ħidma tagħhom fil-baċiri tagħha. Il-perikolu ta' *differential pressure* kien wieħed sinifikanti u fil-każ tagħha, kien preżenti fil-ħin meta l-vittma niżel jogħdos iżda ma sar assolutament xejn min-naħa tas-soċjeta' konvenuta biex tirriduċi jew tipprevjeni dak ir-riskju għall-ħaddiem tagħha, imqar biex tgħarrfu bil-preżenza u bil-perikoli tad-differenza fil-pressa tal-baħar fil-viċinanzi tal-*valve* li kien bil-ħsara u li kellu jogħdos fil-viċinanza immedjati tiegħu.

Il-Qorti wara li fliet il-provi u x-xhieda kollha, tqis illi s-soċjeta' konvenuta kienet negliġenti fit-twettiq tal-obbligi tagħha kemm taħt il-liġi ċivili – għaliex ma mxietx bid-diliġenza u prudenza ta' bonus pater familias meta *inter alia* naqset milli tipprovdi lil xi ħadd biex jissorvelja l-operazzjoni u jassigura li qabel il-vittma niżel taħt l-ilma ma

[53] L-espert Kaptan Reuben Lanfranco ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi normalment, dawn il-mansjonijiet jidħlu fir-responsabbilita' tax-ship repair manager li jkun imissu xogħol dak il-ħin (Xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni 25 ta' Frar 2019).
[54] Prim'Awla, 30 ta' Mejju 2002.

kienx għad hemm *differential pressure* fil-viċinanzi tal-*gate-valve*s - kif ukoll taħt il-liġi tas-saħħa u s-sigurtà tal-post tax-xogħol taħt il-kontroll tagħha[55] - meta mhux biss ma qabbditx min jagħmel evalwazzjoni tar-riskji marbutin ma' interventi li jsiru taħt l-ilma fil-baċiri tagħha minn għaddasa, iżda ma ħaditx ħsieb ukoll li timplimenta prattiċi xierqa u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu evitati jew imneħħija dawk ir-riskji.

Ikkunsidrat;

Iżda, kif ingħad qabel, dan ma jfissirx illi min jaħdem, il-ħaddiem, ma kellux hu wkoll l-obbligu illi jaħdem b'diliġenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess inċidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu jistgħu jiġu evitati.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef et v. John Pisani et** nomine deċiża 5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell, ingħad hekk:-

"Il-ħaddiem allura ma kienx intitolat li jiehu riskji bla bzonn fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fdat f'idejh. Fil-waqt li hu veru illi hemm cirkostanzi fejn it-tehid ta' tali riskju jista' jigi spjegat u gustifikat minhabba n-natura tax-xoghol ripetittiv jew minhabba apprezzament zbaljat ta' x'kellu jsir fil-mument, hemm imbaghad cirkostanzi ohra fejn it-tehid ta' tali riskju ma jkun bl-ebda mod gustifikat ghax ikun jammonta ghal negligenza u traskuragni fuq il-lant tax-xoghol."

Fil-każ tal-lum, ir-responsabbiltà tal-vittma, Patrick Joseph Vella, li juża l-prudenza u diliġenza meħtieġa u li jieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu meta niżel jogħdos fil-baħar fit-tarzna tas-soċjeta' konvenuta biex jipprovdi s-servizz mitlub mill-istess soċjeta' konvenuta, ukoll titnissel mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili li jenunċjaw il-prinċipji ġenerali tal-ħtija ċivili, kif ukoll mil-liġi fl-Att Dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424). Liġi li timponi fuq il-ħaddiem li joqgħod attent biex ma jpoġġix lilu nnifsu f'riskju bla bżonn.

---

[55] Evidententement, fil-fatti tal-każ in diżamina huwa ravviżabbli ksur tad-dmir da parti ta' min iħaddem, tar-regolamenti 4 u 6 tal-L.S. 424.18, ċioe' id-dmir li jiġu valutati r-riskji u jittieħdu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u għall-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol, li kif ingħad jorbot mal-obbligu ġenerali ta' min iħaddem li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati kollha li jistgħu jiġi affettwati bix-xogħol li qed isir. Dan qed jingħad għaliex min iħaddem naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha biex jiġi evitat dannu lil kull min jista' jiġi affetwat bix-xogħol.

L-artikolu 7 tal-Kapitolu 424 jiddisponi:

(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra lijistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.

Dan l-obbligu jmur id' f'id mad-dmir imsemmi fir-regolament 15 tal-L.S. 424.18

15.(1) *Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew xogħol tiegħu skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.*[56]

Mill-provi huwa stabbilit illi Patrick Vella kien l-espert fi ħdan il-kumpannija S.A.L.P.A Limited li ġiet kommissjonata mis-soċjeta' konvenuta biex tippresta s-servizzi ta' bugħaddas fid-data tal-inċident fatali. Jidher ukoll li bħala wieħed miż-żewġ diretturi ta' S.A.L.P.A Limited, kumpannija speċjalizzata fil-qasam tad-*diving*, kien responsabbli għat-tfassil u implimentazzjoni tal-miżuri ta' saħħa u sigurta' fuq il-post fejn il-kumpannija tipprovdi s-servizzi ta' bugħaddas[57]. Għalhekk, l-obbligu li jiġu evalwati r-riskji għas-saħħa u sigurta' marbutin mal-intervent taħt l-ilma li dwaru kien ġie inkarigat Patrick Vella, kien jinkombi lill-istess vittma u lill-kumpannija tiegħu.

Il-vittma kien bugħaddas tas-sengħa u ta' esperjenza li kien jaf il-perikoli inerenti fix-xogħol tiegħu kif ukoll fix-xogħol taħt l-ilma fil-baċiri. Il-konvenut Mark Grech xehed illi l-vittma kien jiġi kuntrattat diversi drabi mis-soċjeta' konvenuta fuq xogħol fil-baċiri u kien ta s-servizzi tiegħu fit-tarzna tagħha, xejn inqas minn tlieta u erbgħin darba qabel[58], inkluż fuq xogħol simili fil-Baċir 4 u l-Baċir 3. Dan inissel il-presunzjoni li l-vittma kellu esperjenza konsiderevoli tax-xogħol li jsir fil-baċiri u kien ukoll familjari mat-tarzna tas-soċjeta' konvenuta.

Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' konvenuta kienet tuża s-servizzi tal-vittma u l-kumpannija tiegħu, minħabba l-livell ta' professjonalita', affidabilita' u preċiżjoni li dejjem urew fl-

---

[56] Hemm ukoll ir-regolament 7 tal-L.S. 424.18: "[...] *fejn dawk li jħaddmu, kuntratturi jew persuni li jaħdmu għal rashom jaqsmu l-post tax-xogħol, min iħaddem, il-kuntratturi u l-persuni li jaħdmu għal rashom* [...] *waqt li jikkunsidraw in-natura ta' l-attivitajiet, għandhom jikoordinaw l-azzjonijiet tagħhom f'materji li jirrigwardaw miżuri protettivi u preventivi, u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-ħaddiema rispettivi tagħhom u, jew lir-rappreżentanti tagħhom b'dawn ir-riskji."*

[57] Ara xhieda ta' Salvatore Cammarino.

[58] Xhieda ta' Balto Guberti, 24 ta' Mejju 2023 – Dok. BG1 u xhieda ta' Joseph Calleja, 11 ta' Ġunju 2024.

eżekuzzjoni tas-servizzi tagħhom[59], tant illi l-*General Manager* tas-soċjeta' konvenuta, il-konvenut Joseph Calleja, iddeskrivih bħala "*l-aqwa li kien hawn fis-settur*"[60].

Madankollu, għal xi raġuni, il-vittma iddeċieda li ma jsegwix il-miżuri bażiċi li kellu jaddotta biex jimminimizza r-riskji marbuta max-xogħol li kellu jitwettaq taħt l-ilma fil-baċiri tas-soċjeta' konvenuta.

Ibda biex il-vittma għodos f'żona ta' perikolu: hu kien mgħarraf li wieħed biss mill-*valve*s tad-*docking gate* kien baqa' miftuħ u kien qed jitfa' lura l-ilma ġol-baċir u għalhekk, bħala bugħaddas b'esperjenza estensiva kompriż fil-baċiri tas-soċjeta' konvenuta, messu kien jaf illi l-pressa tal-baħar li kienet qed tiġbed fid-direzzjoni tal-baċir setgħet kienet konsiderevoli.

Madankollu, il-vittma għażel li jinżel jogħdos mhux min-naħa tad-*docking gate* li kien indikalu Emiliano Cirillo u minn ġewwa l-baċir innifsu, iżda min-naħa ta' barra tal-baċir, fejn il-pressa tal-ilma kienet qed tiġbed mit-toqba tal-*valve* 'il ġewwa direzzjoni lejn il-baċir.

Fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas tal-vittma iġorr miegħu piż sostanzjali u bħala bugħaddas ta' professjonalita' u esperjenza estensiva, żgur u mhux forsi kellu jobsor bil-periklu minħabba l-element ta' *differential pressure* li jkun hemm taħt il-baħar fil-viċinanzi tal-*gate-valve* li baqa' miftuħ.

L-espert Kaptan Reuben Lanfranco xehed hekk dwar dan in-nuqqas tal-vittma:-

"... ovvjament hemm parti minnha hija r-responsabbilita' wkoll ta' min kien qed jogħdos li huwa stess ikun aware minn xi problemi li jista' jkun hemm fl-inħawi u din hija waħda mill-affarijiet li normalment jaraw bħala diver personali hija li jkun jaħdem f'żona fejn m'hemmx li jistgħu jkunu perikoli [per eżempju], li jkollok xi sistemi ta' muturi għaddejjin jew xi sistemi anke forsi skrejjen ta' bastimenti ... li jistgħu jikkawżaw effetti hydrodinamiċi li jistgħu jaffettwaw id-divers fl-attivita' tiegħu."[61]

[59] Ara xhieda ta' Baldo Uberti 11 ta' Ġunju 2024.
[60] Xhieda ta' Joseph Calleja tal-11 ta' Ġunju 2024.
[61] Xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni 25 ta' Frar 2019.

Fir-relazzjoni tiegħu, ikkonkluda:-

"għalkemm jidher, mix-xhieda ta' Emiliano Cirillo li l-vittma kien muri x'setgħu kienu l-perikli (differential pressure) ħdejn il-fetħa tal-gate valve, il-vittma xorta għażel li jinżel fil-baħar minn post li ma kienx idejali biex jagħmel l-ewwel speżżjoni tiegħu. Skond il-fehma tas-sottoskritt, il-bugħaddas kellu jinżel l-ewwel ġewwa l-baċir fejn minn hemm kien imur fil-viċinanza tal-gate valve minn naħa ta' ġewwa l-baċir fejn il-pressa tkun qed tibbotta l-bugħaddas 'l bogħod mill-fetħa tal-valve u mhux lejnha, u minn hawn ikollu idea ġenerali ta' kif kienet il-pressa presenti fiż-żona tal-valve"

Iżda fuq kollox, Patrick Joseph Vella naqas meta għodos waħdu bi ksur tar-regola jew standard bażilari ta' sigurta' fis-settur tad-*diving*, magħrufa bħala l-*buddy rule*.

Fir-relazzjoni tiegħu, l-espert Kaptan Reuben Lanfranco fisser hekk din ir-regola:-

"Bugħaddas m'għandu qatt jinżel fil-baħar waħdu, minkejja l-fatt li x-xogħol li kellu jagħmel kien biss ta' ftit minuti. Għalkemm il-vittma kien bugħaddas ta' esperjenza, jidher li naqas jieħu l-passi meħtieġa fejn tidħol din ir-regola. Jekk għal xi raġuni ma' setax ikun hemm bugħaddas ieħor fil-baħar, irid ikun hemm dejjem bugħaddas stand-by fil-viċin imlibbes bit-tagħmir tad-diving lest biex jintervjeni f'kas ta' bżonn"

L-espert xehed ukoll:

"*Waħda mir-regolamenti, mhux regolamenti hi kważi kważi iżjed hija customary li meta xi ħadd imur jogħdos imur ma' xi ħaddieħor. Hemm dik li ngidulha a buddy system li [bugħaddas] dejjem tkun akkumpanjat minn diveri ieħor. Hi waħda mill-golden rules ngħidu aħna tad-diving li bniedem ma jinżilx jogħdos waħdu. F'dan il-kas partikolari kien hemm forsi kunfidenza żejda min-naħa ta' min kien qed jogħdos għax forsi kien familjari mal-inħawi, kien hemm mir-rekords li ħadt, kien hemm drabi oħrajn li għamel dan l-istess tip ta' xogħol ukoll u kien imqabbad ta' spiss minn Palumbo Shipyards.*"

Salvatore Cammerino, li kien sħab mal-vittma fin-negozju li kien jiġi ġestit mill-kumpannija tagħhom S.A.L.P.A Limited, xehed illi ma setax jispjega għaliex il-vittma kien iddeċieda li jinżel jogħdos waħdu dakinhar tal-inċident, għaliex qatt ma kien jieħu riskji żejda. Dan ġie konfermat minn Rino Glorioso li kien jaħdem bħala *diving instructor* mal-kumpannija S.A.L.P.A Limited: hu xehed illi l-vittma kien ikkwalifikat

sewwa bħala *diver* u bħala *instructor* u kien dejjem jagħmel assessjar preventiv kif imiss tal-post tax-xogħol[62].

Kollox magħdud, il-Qorti tidentifika l-kawża prossima tal-fatalita' fl-ommissjoni tas-soċjeta' konvenuta milli tipprovdi *a safe system of work* lill-ħaddiem li pprovdielha s-servizzi tiegħu f'post taħt il-kontroll tagħha, u daqstant ieħor fil-kondotta tal-vittma nnifsu, li niżel fil-baħar u għodos fuq in-naħa ta' barra tal-baċir u fil-viċinanzi tal-*valve* li kien baqa' miftuħ, tant illi afa maqbud ġewwa t-toqba tal-istess *valve*.

Huwa minnu li kieku l-vittma għażel li jogħdos fuq in-naħa tal-baċir kontra d-direzzjoni tal-ġbid tal-ilma, ma kienx jinqbad fit-toqba, u kieku kien akkumpanjat minn bugħaddas ieħor, seta' jingħata l-għajnuna u jiġi salvat anke jekk xorta waħda inqabad fit-toqba tal-*valve* u / jew tilef il-*mouthpiece*. Iżda jibqa' dejjem il-fatt li s-soċjeta' konvenuta kienet negliġenti fl-imġieba tagħha fil-konfront tal-vittma, u naqset b'mod manifest fid-dmir tagħha li tħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu billi tnaqqas ir-riskji inerenti fis-sit u x-xogħol li talbet il-prestazzjoni tiegħu.

Kif rajna qabel, kien jinkombi lis-soċjeta' konvenuta – li mix-xhieda tal-uffiċjali tagħha hu evidenti li r-riskju tal-pressa viċin il-*gate-valve*s minħabba differenza ta' pressjoni kien wieħed ben magħruf - biex tagħmel eżerċizzju ta' evalwazzjoni biex jiġu identifikati r-riskji inerenti u oħrajn fix-xogħol li jsir taħt l-ilma fil-baċiri jew fil-viċinanzi tal-baċiri, u biex abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, topera sistema li tiżgura li jingħata t-tagħrif kollu lill-ħaddiem, ossia l-għaddas li jkun impjegat jew ikkuntrattat biex jaħdem fil-baċiri, dwar ir-riskji ġeneriċi u partikolari tax-xogħol ikkuntrattat lilu u l-prekawzjonijiet u l-metodi li jrid jimplimenta biex jiġu evitati r-riskji, u jiġi pprovdut bit-tagħmir meħtieġ biex jiġu evitati dawk ir-riskji[63].

L-espert Kaptan Reuben Lanfranco qal hekk fir-relazzjoni tiegħu:-

---

[62] Prof. Alan Deidun xehed fir-rigward: "*Għaliex inti ma tistax tiddajvja waħdek, irid ikollok partner ma' min tiddajvja*" – xhieda tal-15 ta' Novembru 2022.

[63] Dan ġie eskluż inekikwivokalment minn Mark Grech fix-xhieda tiegħu waqt l-inkjesta dwar l-in genere.

"minn naħa ta' Palumbo Shipyards jidher li hemm nuqqas ta' proċeduri u dik li hija familarizzazzjoni fejn jidħlu xogħolijiet fejn jinqabbdu terza persuni (kuntratturi) biex jagħmlu xi xogħolijiet fit-tarzna. Għalkemm versu li minn qed jagħmel ix-xogħol irid ikun responsabbli li jagħmel assessment tas-sogru presenti, xorta tibqa' r-responsabilita' ta' minn qed imexxi l-baċir li jagħti struzzjonijiet, familiarizzazzjoni u twissijiet bil-miktub, bħala proċedura ta' sigurta (safe practices) lill kull minn qed jagħmel xi xogħolijiet fit-tarzna jew fil-baċiri"

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet **Martin Costa v. Jonathan Bugeja**, saret riferenza għat-tagħlim ta' Lord Denning in materja:

"*Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn*: «Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself[64]»

Applikat dan kollu għall-każ in eżami, il-Qorti tqis illi s-soċjeta' konvenuta, Palumbo Malta Shipyard Limited, imxiet b'nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus pater familias* u kienet negliġenti fit-twettiq tad-doveri tagħha fil-konfront tal-vittma, iżda fl-istess waqt, il-vittma b'egħmilu stess ikkontribwixxa għall-ħsara mġarrab minnu.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi ħarrket ukoll biex iwieġbu għall-ħsara li allegatament ġarrbet minħabba l-mewt ta' żewġha, Patrick Joseph Vella, fl-inċident mertu tal-kawża, lill-konvenut Mark Grech (il-*manager* responsabbli għas-saħħa u s-sigurta') u l-konvenut Joseph Calleja (il-*General Manager*), it-tnejn ħaddiema impjegati tas-soċjeta' konvenuta fid-data tal-inċident.

Għandu jingħad illi l-provi jistabbilixxu li l-konvenut Mark Grech ma kienx preżenti fuq il-lok tal-inċident f'ebda waqt minn meta l-vittma issejjaħ ġewwa x-*shipyard* sakemm miet. Barra minn hekk, ma hemm xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li juri li huwa kien obbligat bħala parti mid-doveri tal-impieg tiegħu, illi jkun preżenti u / jew jidderiġi l-

[64] **Froom vs Butcher** CA QB 286 (1976) per Denning LJ .

operazzjonijiet kondotti mill-bugħaddasa ingaġġati mis-soċjeta' konvenuta. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-event dannuż kien ikkaġunat jew aggravat għaliex il-konvenut Grech kien mexa bi ksur ta' xi dmir jew obbligu favur il-vittma b'xi egħmil bħal dak imsemmi fl-artikolu 1032(1) tal-Kap. 16.

Mark Grech bħala ħaddiem tas-soċjeta' konvenuta ma kellux, lanqas, xi dmir li jipprovdi lill-vittma, bħala terza persuna li ġiet inġaggat biex tippresta servizzi fit-tarzna tal-istess soċjeta' konvenuta, *a safe system of work*. Dak l-obbligu kien jinkombi lis-soċjeta' konvenuta bħala l-persuna li għaliha sar ix-xogħol mogħti lill-vittma jew lill-kumpannija tiegħu. Jekk tassew jista' jagħti l-kaz li Mark Grech, fir-rwol tiegħu bħala *health and safety manager*, mexa bi ksur ta' xi obbligu ikkuntrattat favur is-soċjeta' konvenuta, il-prinċipal tiegħu, jew kien inkompetenti f'xogħolu jew mexa b'nuqqas ta' ħila fid-dmirijiet tiegħu bħala *health and safety officer*, dik hija kwistjoni li tiffurmax parti mill-indaġni li jeħtieġ li ssir f'din l-azzjoni dwar id-danni subiti mill-attriċi, għaliex tikkonċerna biss l-isfera tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali bejn is-soċjeta' konvenuta u l-impjegat tagħha.

Hija s-soċjeta' konvenuta, bħala l-persuna li tħaddem lill-konvenut Mark Grech u li lilha ġew prestati s-servizzi tal-vittma, li għandha twieġeb għad-danni subiti minħabba xi nuqqasijiet fit-twettiq tad-doveri taħt il-kuntratt tas-servizz tiegħu.

L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* safejn għandha x'taqsam ir-responsabbilita' tal-konvenut Joseph Calleja li kien, fiż-żmien tal-inċident, impjegat bħala *General Manager* tax-*shipyard* tas-soċjeta' konvenuta. Stabbilit illi ma kienx preżenti waqt l-intervent taħt l-ilma imwettaq mill-vittma, ma jistax jingħad illi l-event dannuż seħħ għaliex ma kienx uża l-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija. Iktar minn hekk, billi ma kienx il-persuna li lilu ġie pprovdut is-servizz tal-vittma u ma jirriżultax lanqas illi kien ikkuntrattat mis-soċjeta' konvenuta b'mod speċifiku biex jissorvelja u / jew jipprovdi xi apparat jew b'xi mod ieħor jassisti lill-vittma waqt l-operazzjoni taħt l-ilma, iżda naqas milli jagħmel dan, ma jeżisti ebda ness ta' kawżalita' bejn ir-rwol tal-konvenut bħala *General Manager* tas-soċjeta' konvenuta, u l-ħsara subita mill-attriċi.

Illi in kwantu l-attriċi ħarrket ukoll lid-diretturi tas-soċjeta' konvenuta biex iwieġbu għall-ħsara subita minnha b'riżultat tal-mewt ta' żewġha, il-Qorti tqis illi ma jirriżulta minn imkien mill-atti u provi proċesswali illi xi ħadd minnhom kien ħa xi deċiżjoni jew azzjoni li kkaġunat l-event dannuż jew aggravat il-ħsara konsegwenzjali, jew li dik il-ħsara kienet effett konsegwenzjali ta' xi għemil ta' xi ħadd mid-diretturi.

Il-Qorti ma riskontrat ebda evidenza li d-diretturi personalment kienu fuq il-lok tal-inċident u / jew naqsu milli jieħdu xi azzjoni li kienet f'lokha biex jiġi prevenut il-ħsara li seħħet lill-vittma. Kemm hu hekk, id-diretturi tas-soċjeta' konvenuta ma ssemmew imkien fil-ġabra sħiħa tal-atti u l-provi proċesswali, wisq inqas ma ssemmew in konnessjoni mal-inċident mertu tal-kawża jew b'rabta mal-miżuri li ttieħdu jew ma ttieħdux mill-impjegati tal-kumpannija li kellhom x'jaqsmu mal-operazzjoni li twettqet mill-vittma.

Is-soċjeta' konvenuta mmexxija minnhom kienet impjegat *health and safety officer*, Mark Grech, li l-Qorti fehmet li kellu jkun responsabbli għall-materji kollha li kienu jirrientraw fil-parametri ta' saħħa u sigurta' tal-ħaddiema kollha tas-soċjeta' konvenuta u tas-sit taħt il-kontroll tagħha, inkluż presumibbilment, l-evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-bugħaddasa li jiġi kuntrattat mill-kumpannija u t-tħejjija u implimentazzjoni ta' pjan ta' saħħa u sigurta'. Kienet ukoll is-soċjeta' konvenuta mmexxija minnhom li tat ix-xogħol li ġie eżegwit minn Patrick Vella, u mhux xi ħadd mid-diretturi *de proprio*.

Ikkunsidrat;

Illi għaldaqstant, ir-responsabbilita' għall-inċident mertu tal-kawża li fih Patrick Joseph Vella tilef ħajtu hija tas-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyard biss, bil-kontibutorjeta' tal-vittma nnifsu, mingħajr ebda prova li xi ħadd mill-konvenuti l-oħra kellha xi ħtija għall-ħsara subita mill-attriċi.

Għalhekk, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li*

għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu doložament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.

Kif ingħad fid-deċiżjoni **Francis Bellia vs. Saviour Agius,** deċiża mil-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju 2025:

*"46. Għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjetà jgħodd l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon (ara Appell Ċivili 20 ta' Jannar, 1964 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Galdes v. Victor Micallef**), u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Jannar, 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Onorato Bugeja v. Dennis Agius**)."*

Il-Qorti tqis illi għall-inċident mertu tal-kawża il-konvenuta Palumbo Malta Shipyard Limited, u l-vittma nnifsu jaħtu b'mod indaqs u għalhekk, il-ħtija għall-ħlas tal-ħsara kkaġunat b'riżultat tal-inċident, għandha tkun ripartita bejn il-vittma u bejn il-konvenuta Palumbo Malta Shipyward Limited, nofs bin-nofs.

Ikkunsidrat;

Stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilita' għall-inċident, imiss li nqisu l-ħsarat konsegwenzjali li l-attriċi tgħid li ġew subiti minnha.

Il-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas it-telf imġarrab mid-danneġġjat bħala riżultat ta' l-inċident jew il-ħsara lilu magħmula (Art. 1033 tal-Kap. 16). Madankollu l-attur jibqa' f'kull każ mgħobbi bl-obbligu li jressaq il-prova meħtieġa skont il-liġi, jiġifieri l-aħjar prova kif irid l-artikolu 559 tal-Kap. 12, tal-ħsara mġarrba minnu.

Skont l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili:-

(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor

attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:

Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.

(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2023 fl-ismijiet **Trevor Grech v. Lawrence Agius**:

«*48. Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Raymond Sammut v. Anthony Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015, damnum emergens huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, waqt li lucrum cessans huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju talvittma minħabba fl-inċident.*

*49. Ifisser għalhekk li fil-kategorija tal-lucrum cessans, id-danneġġjant mhux biss għandu l-jedd li jitlob li jiġi kkumpensat għat-telf ta' salarju, meta dan ma setax jidħol għax-xogħol minħabba l-inċident jew għat-tnaqqis fis-salarju li ġarrab minħabba l-inċident (ara Rikors Ġuramentat numru 1107/19/1 7/10/2024 **Marco Joseph Bugeja v. George Fava et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Lulju, 2022); iżda d-danneġġjant jista' jfittex ukoll għall-kumpens minħabba telf ta' opportunitajiet futuri minħabba d-diżabbiltà permanenti li tkun inħolqot bl-inċident (ara **Joseph Farrugia v. John Degiorgio et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).»*

<u>*Damnum Emergens*</u>

In kwantu l-pretensjoni għar-riżarċiment ta' ħsara konsistenti f'*damnum emergens*, ma saret ebda allegazzjoni li l-attriċi ġarrbet xi telf effettiv fl-inċident jew minħabba fih.

Għalkemm fir-Rikors Ġuramentat l-attriċi talbet il-ħlas tal-ispejjeż li sofriet kif hemm maħsub fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16, ma ressqet ebda prova li ħallset xi spejjeż b'riżultat tal-mewt traġika ta' żewġha. Xehdet illi sabet diffikolta' mil-lat emozzjonali kif ukoll mil-lat finanzjarju biex trabbi lil uliedha waħedha mingħajr missier, iżda

mkien ma qalet li ġarrbet ħsara psikoloġika b'tali mod li kellha tieħu l-kura permezz ta' mediċini jew terapija.

Lucrum Cessans

Telf ta' salarju jew qligħ attwali

L-attriċi xehdet li sofriet tnaqqis fis-salarju tagħha għaliex wara li miet żewġha kienet telqet mill-impjieg li kellha bħala skrivana mal-Universita' ta' Malta u bdiet taħdem bħala 'Learning Support Educator' ('LSE') biex ikollha ħinijiet iktar flessibbli u tkun tista' tieħu ħsieb lil uliedha aħjar. Ma jirriżultax li l-attriċi qiegħda tallega li tilfet xi salarju għaliex ma setgħetx tidħol għax-xogħol minħabba l-inċident u l-mewt ta' żewġha[65], iżda tmantni illi meta eventwalment bdiet taħdem bħala LSE, kellha paga inqas minn dik li kienet tirċieva fl-impieg tagħha mal-Universita' ta' Malta.

Madankollu, l-attriċi baqgħet ma kkwantifikatx l-ammont ta' telf ta' salarju li dwaru qed titlob li tiġi kkumpensata, u wara li l-Qorti fliet id-dokumenti prodotti bħala prova tad-dħul tal-attriċi, ma tistax ma tosservax illi filwaqt li mill-impieg mal-Universita' ta' Malta il-qligħ gross tal-attriċi kien ta' €10,014 fis-sena 2010[66], il-qligħ gross tagħha mill-impieg mas-Servizz Pubbliku ta' Malta fis-sena 2019 kien ta' €15,962.70. Ma pproduċiet ebda prova oħra dwar is-salarju mill-impieg tagħha għall-perijodu 2011 sa 2017 u f'kull każ, m'huwiex ippruvat kif imiss l-allegazzjoni dwar telf konsistenti fi tnaqqis fis-salarju tagħha b'riżultat dirett tal-mewt ta' żewġha.

Telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem

Kif ingħad qabel, id-danneġġjat jista' jfittex ukoll għall-kumpens minħabba telf ta' opportunitajiet futuri minħabba d-diżabbiltà permanenti li tkun inħolqot bl-inċident u tabilħaqq l-attriċi, Roseanne Vella, iddikjarat fir-Rikors Ġuramentat tagħha illi hija subiet, personalment, "*debilita' funzjonali u permanenti, danni psikoloġiċi, psikjatriċi, danni morali u telf ta' qligħ futur*" u talbet ir-riżarċiment ta' dawk id-danni hekk subiti.

---

[65] Xehdet: "*Kont dħalt lura għax-xogħol, ehe kien baqali sena biex nidħol lura għax-xogħol (maternity leave), pero' ma stajtx u ridt nidħol bil-fors biex ovjament nibda naqla' l-paga."* Seduta 7 ta' Frar 2022.
[66] Dok. T6, *fol.* 762.

In sostenn tal-pretensjoni għad-danni ġejjin mid-debilita' permanenti u danni psikoloġiċi allegatament subiti minnha, l-attriċi talbet il-ħatra ta' espert fil-psikjatrija biex issir il-prova tad-diżabilita' permanenti psikjatrika allegatament imġarrab minnha b'riżultat tal-mewt ta' żewġha, u l-perċentwal relattiv.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-perit Dr. Joseph Cassar li, wara li eżamina lill-attriċi u wettaq '*Clinician Administered PTSD Scale for DSM-5'* u l-'*Beck Depression Inventory*', wasal għall-konklużjoni illi l-attriċi:

"... *ssofri minn ansjeta' u nevrożi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder with dissociative symptoms) b'rata ta' diżabilita' ta' 8%*".

Madankollu, il-Qorti ma tistax ma tosserax illi imkien fir-relazzjoni tal-perit psikjatriku ma jingħad illi l-attriċi sofriet inkapaċita' permanenti. L-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili hu ċar li l-inkapaċita' li minħabba fiha jiġi mġarrab telf ta' qligħ 'il quddiem, trid tkun waħda "*għal dejjem*".

Hemm ukoll il-konsiderazzjoni illi l-perit ġudizzjarju, għalkemm irriskonta fl-attriċi stat ta' ansjeta' u nervożi trawmatika, ma għamel ebda kostatazzjoni oġġettiva dwar xi rabta diretta bejn dan l-istat psikjatriku u l-mewt ta' żewġha, u fir-relazzjoni tiegħu imkien ma fisser b'mod speċifiku illi l-kundizzjoni li rriskontra fl-attriċi – li ma kienetx il-vittma diretta tal-inċident li nissel il-ħsara – sarrfet fi ħsara psikjatrika permanenti li ħalliet impatt negattiv fuq il-kwalita' tal-ħajja u kapaċita' lavorattiva tagħha.

Il-Qorti tqis illi d-diżabbilita' għal dejjem jeħtieġ li tkun inħolqot b'effett tal-inċident u jekk ma jinġiebux provi ċari u diretti li jistabbilixxu ness ta' kawża u effett bejn l-event li jkun ikkaġuna l-ħsara u l-ħsara allegatament subita, il-pretensjoni għar-riżarċiment tal-ħsara ma tistax tirnexxi .

Fiċ-ċirkostanzi, fejn l-attriċi ma għamlet ebda aċċenn kwalsiasi fix-xhieda tagħha li bdiet tbati minn problemi ta' ansjeta' u diffikoltajiet psikoloġiċi li ħallew impatt fuq il-ħajja tagħha ta' kuljum u / jew il-ħajja lavorattiva tagħha, wara u minħabba l-mewt ta' żewġha, u lanqas qalet li ġiet eżaminata minn psikjatra jew professjonist ieħor fil-

qasam tas-saħħa mentali u kellha bżonn tattendi għal sessjonijiet terapewtiċi jew tieħu xi mediċina għall-kura tal-istat mentali tagħha, il-Qorti qajla tista' tkun konvinta li d-diżabilita' li kkostata l-perit psikjatriku, tnisslet minħabba konsegwenza diretta tal-inċident mertu tal-kawża, u mhux ukoll minn ċirkostanzi oħrajn tal-ħajja li seħħew qabel jew wara l-inċident.

B'żieda ma' dan, iżda marbut ma' l-istess konsiderazzjoni, il-Qorti ma tistax ma tieħux konjizzjoni tal-kontentut tal-ittra uffiċjali bin-numru 3655/16 ippreżentat minn Carina Hurtelle[67] u tax-xhieda tas-sieħeb fin-negozju tal-mejjet, Salvatore Cammerino[68], dwar l-istat fattwali tal-ħajja privata u familjari tal-attriċi u żewġha fiż-żmien tal-inċident fatali.

In konklużjoni, tkun opportuna wkoll l-osservazzjoni illi l-perit psikjatriku jidher li wasal għar-rata tad-diżabilita' ta' tmienja fil-mija (8%) mhux biss abbażi tar-riżultat tat-testijiet li kkonduċa fuq l-attriċi, iżda wkoll b'riferenza espressa għall-kriterji li kienu saru fil-*White Paper* rilaxxat mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern fl-2010 bl-isem ta' *"Emendi fil-Liġi dwar Danni Ċivili"*, fejn kien ġie propost li kundizzjoni bħalma hija '*post-traumatic stress disorder*' tibda tiġi trattata bħala inkapaċità medika reali, bl-introduzzjoni ta' kumpens għal tbatija u uġigħ ġejjin minn kundizzjoni bħal dik. Iżda, dawk il-proposti baqgħu qatt ma ssarrfu f'liġi u l-Qorti ma tħossx illi l-eżerċizzju li għamel il-perit ġudizzjarju jista' jkollu xi valur in sostenn tal-allegazzjoni li l-attriċi ġarrbet ħsara psikjatrika li tista' ssarraf f'telf ekonomiku, jew bħala bażi għal-likwidazzjoni ta' danni morali.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-pretensjoni tal-attriċi għall-ħlas ta' danni morali, il-Qorti tibda biex tosserva illi bl-emendi li saru fl-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili fl-2018, il-leġislatur ħoloq eċċezzjoni għar-regola li d-dannu li jrid jiġi riparat ma jinkludix ħlief danni patrimonjali. Filwaqt li hija konxja tal-ġurisprudenza konfliġġenti li kienet teżisti dwar din il-materja ta' danni morali jew mhux patrimonjali, madankollu, bl-Att XXXII tal-2018 il-leġislatur kkjarifika l-pożizzjoni ġuridika billi ġie stipolat fil-proviso għall-imsemmi artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 illi d-dannu riparabbli jitqies li għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati lid-danneġġjat, biss

[67] Esebit f'paġna 2384 tal-atti tal-kawża.
[68] Xhieda tas-6 ta' Marzu 2025, paġna 2292 tal-atti tal-kawża.

meta d-danni jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni[69] u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija[70], u dan sa limitu massimu ta' €10,000. Fil-każ in eżami, ma jistax jingħad li d-danni kienu kkawżati minn reat volontarju.

F'sentenza riċenti tat-30 ta' Lulju 2024, fl-ismijiet **Ivan Azzopardi et v. Alfred Sciberras et**, ingħad illi għalkemm kemm jista' jkun, il-liġi tingħata interpretazzjoni wiesa' sabiex tkun konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

*" 46. ... Mela jekk l-għoti ta' danni extra-pekunjarji hija eċċezzjoni, a contrariu sensu r-regola hi li dawn it-tip ta' danni ma jingħatawx. ... ... Huwa ċar li permezz ta' dan il-proviżo, il-leġiżlatur qiegħed joħloq eċċezzjoni għar-regola. Fi kliem id-*Digesto Italiano*:*

> *"Quando la legge stabilisce una regola che deroga ai principi generali, in tale ipotesi e` legittimo di argomentare che nei casi non contemplati debbano invece applicarsi i principi generali contrari alla regola stessa, exceptio firmat regulam in casibus non exceptis. Molti anzi restringono l'argomento a contrario a questa sola ipotesi."*[71]

47. M'hemmx dubbju li l-leġiżlatur segwa r-regola stabbilita mill-ġurisprudenza ewlenija li ma jistax jingħata kumpens għal danni extra pekunjarji, u għamel eċċezzjoni speċifika għaliha fil-każ ta' ċerti reati kriminali."

Il-Qorti hi għalhekk prekluża milli tillikwida xi danni morali b'riżarċiment lill-attriċi għall-ħsara subita.

Ikkunsidrat;

Illi fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għemil, il-liġi, fl-artikolu 1046 tal-Kap. 16, tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati:-

"Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan."

---

[69] Taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.
[70] Taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.
[71] Il Digesto Italiano Vol XIII Parte II, (1901-1904) Interpretazione delle Leggi para 25, paġna 87.

F'dan il-każ, fejn qiegħda tfittex għal kumpens għall-ħsara mġarrba minħabba l-mewt ta' żewġha bi ħtija tal-konvenuti, il-jedd tal-azzjoni esperita mill-attriċi huwa mogħti lilha espressament mill-artikolu 1046 tal-Kap. 16, li jgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti. Wara kollox, id-dritt għar-riżarċiment għad-danni hu dritt patrimonjali li jintiret bhal drittijiet oħrajn, li jfisser illi l-bażi ta' dak il-jedd ta' azzjoni insibuha fl-kwalita' tal-attriċi bħala werrieta ta' Patrick Joseph Vella bis-saħħa tat-testment *unica charta* tat-30 ta' Novembru 2005 (Dok. T3), li permezz tiegħu kien innomina lil martu l-attriċi bħala l-unika werrieta universali tiegħu[72]. Għalhekk, l-attriċi bħala l-unika werrieta ta' Patrick Joseph Vella għandha l-jedd esklussiv li tiġi riżarċita għal dawk id-danni li kienu jkunu dovuti lid-defunt kieku ma mietx iżda ġarrab biss ġrieħi li ħallewh totalment inkapaċi kif hemm maħsub fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16.

Billi bħala konsegwenza tal-inċident, seħħet il-mewt ta' Patrick Joseph Vella, ir-rata tad-diżabilita' sofferta minnu hija ta' mija fil-mija (100%).

Niġu għalhekk għall-multiplier. Għalkemm fil-kejl tal-multiplier għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, u għalkemm il-Qorti għandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun il-pożizzjoni tad-danneġġjat u terġa' tqiegħdu fl-istat li kienet qabel l-inċident, normalment ma għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident u jitqies biss il-*maximum working life expectancy* '*sic et simpliciter'*. Huwa assodat fil-ġurisprudenza illi fil-multiplier irid jidħol ukoll il-konsiderazzjoni dwar «*chances and changes of life*» għaliex l-għan wara l-eżerċizzju li jsir f'każijiet bħal dawn huwa li l-Qorti tfittex li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li korra fl-istess stat li kienet qabel l-inċident.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Trevor Grech vs Lawrence Agius**, deċiża fil-15 ta' Ġunju 2023, ingħad hekk fir-rigward:-

"72. Il-kunċett ta' «chances and changes of life», ġie mdaħħal biex sewwa sew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod iehor. Kien għalhekk li l-working life expectancy ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-multiplier (ara ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).*

---

[72] *Fol.* 755.

73. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2016, mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-multiplier bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara wkoll ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019)."*

Patrick Joseph Vella kellu sitta u tletin (36) fid-data tal-inċident fit-28 ta' Frar 2015 u ma jirriżultax mill-ġabra tal-provi proċesswali li kien ibati minn xi kundizzjonijiet kroniċi jew kellu xi vizzji li kienu ta' detriment għal saħħtu: mod ieħor kollox juri li kien bniedem b'saħħtu ferm. Għalhekk, meqjus iċ-ċirkostanzi u l-eta' tal-vittma, u l-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja, inkluż il-fatt li kien jagħmel xogħol ta' natura inerentement perikoluż, il-Qorti sejra tapplika multiplier ta' **24**.

Mill-provi jirriżulta li Patrick Joseph Vella kien wieħed miż-żewġ diretturi u azzjonisti b'ishma ndaqs, tal-kumpannija S.A.L.P.A Limited, u kien jiġġestixxi n-negozju tal-kumpannija bl-isem SalpaSub flimkien ma' sieħbu Salvatore Cammerino[73]. Għalkemm kien gradwat bħala *marine biologist* u kellu diversi kwalifiki akkademiċi fis-settur, jidher li l-introjtu tiegħu kien derivat unikament mill-paga li kellu bħala direttur tal-kumpannija S.A.L.P.A Limited. Minn eżami tal-*financial statements* tal-kumpannija għas-snin ta' qabel l-inċident u għas-sena tal-inċident (2013, 2014 u 2015), jirriżulta li d-diretturi ma kienux ħadu l-ħlas ta' dividends mill-kumpanija.

Minn eżami tal-istatements tat-taxxa fuq id-dħul dikjarat mill-vittma għas-sena ta' assessjar 2013, jirriżulta li kien iddikara qligħ gross totali ta' €24,442, filwaqt li għas-sena ta' assessjar 2014 iddikjara qligħ gross totali ta' €13,513, u qligħ gross totali ta' €13,385 għas-sena ta' assessjar 2015[74], bid-dħul medju annwali għat-tliet snin imsemmija jkun ta' **€17,113**.

Fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ futur għandu naturalment jitqies ukoll il-fattur ta' l-għoli tal-ħajja: minn żmien għal żmien il-pagi jogħlew u dan bħala riżultat tal-inflazzjoni. Il-qrati tagħna dejjem applikaw persentaġġ b'żieda mal-qligħ annwali gross biex

[73] Ara xhieda ta' Salvatore Cammarino, 6 ta' Marzu 2025 u quddiem l-espert Kaptan Reben Lanfranco fl-atti tal-inkjesta dwar l-in genere.
[74] Dok. JD1.

jikkumpensaw għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja meta jiġu biex jiddeterminaw it-telf tal-qligħ futur.

Il-Qorti tqis illi fuq firxa ta' erbgħa u għoxrin sena, id-dħul tal-vittma bla dubju kien ser jiżdied u għalhekk ser isir aġġustament ta' 24% fuq firxa ta' erbgħa u għoxrin sena[75], sabiex jogħla d-dħul gross medju ta' Patrick Vella għal total ta' **€21,220 fis-sena**.

Jeħtieġ illi minn dan l-ammont isir tnaqqis rappreżentanti l-konsum personali li kien jagħmel il-vittma mill-kapital likwidat.

Ġie ritenut hekk mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' April, 2024 fl-ismijiet **Roberta Cassar *proprio et nomine* v. Polidano Brothers Limited**.

"... jekk il-vittma kien sejjer ikollha s-somma likwidata mill-Qorti f'idejha, parti minn din is-somma żgur kienet sejra tiġi minfuqa għall-ħtiġijiet personali tagħha, u għalhekk ikun xieraq u realistiku li wieħed inaqqas 25% mis-somma likwidata mill-Qorti minħabba l-konsum personali tal-vittma."

Għalhekk, tqis xieraq li f'dan il-każ ukoll ikun hemm dan it-tnaqqis li jieħu qies tal-konsum personali, liema tnaqqis ikun xieraq li jkun fil-perċentwal ta' 25%.

Niġu biex inqisu il-grad ta' dipendenza tal-attriċi fuq il-vittma, għad illi għandu jiġi senjalat illi l-grad ta' dipendenza m'huwiex kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut.

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Sammut v. Clamus Holding Limited**, tas-27 ta' Settembru 2012, ingħad:-

"(d)... mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, pre-kundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens; u

(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-qorti jkollha eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta jiġri fil-ġejjieni."

[75] €4,107.

Meta miet Patrick Vella, huwa kellu l-età ta' 36 sena u ħalla warajh lill-attriċi, martu, u tliet ulied minuri iżda kif rajna, hija biss l-attriċi l-werrieta testamentarja tiegħu. Fil-kuntest tad-dipendenza tal-werrieta fuq il-mejjet, jirrizulta li bħala fatt illi l-attriċi sa ċertu punt tista' titqies li kienet dipendenti fuq żewġha billi huma kienu dak iż-żmien qed irabbu flimkien tliet ulied minorreni ta' erba' snin kull wieħed u fiż-żmien tal-inċident l-attriċi kienet għadha bil-*leave* tal-maternita'[76] u kienet ilha diversi snin ma taħdem. Iżda l-provi juru illi l-attriċi wkoll kienet taqla' għajxien għall-familja u għalhekk il-Qorti tqis li l-ammont likwidat għandu jiġi ridott b'terz (33.33%) minħabba l-grad tad-dipendenza tagħha fuq żewġha.

In kwantu għat-tnaqqis li solitament isir minħabba ħlas f'daqqa ta' qligħ futur (*lump sum deduction*), dan ġeneralment ikun ta' 20% meta jkun għadda żmien qasir sakemm tingħata s-sentenza finali, jidher li skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna:-

"*... jekk il-kawża ddum aktar minn sentejn, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' lump sum payment jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena oħra li l-kawża ddum għaddejja (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet John Muscat v. Camray Limited et).*"

Skont il-każistika riċenti, iżda kostanti, tal-Qorti tal-Appell, ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata'.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-kawża quddiemha, il-Qorti wara li ikkunsidrat din il-kawża infetħet sitt snin wara l-inċident u s-sentenza finali ser tingħata fi żmien ħames snin minn meta nfetħet il-kawża fl-2021, tqis li ma għandu jsir ebda tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa tal-kumpens għall-ħsara subita.

Meqjus dan kollu, il-Qorti sejra taħdem l-ammont ta' danni mġarrba mill-attriċi in linea ta' *lucrum cessans*, billi timmultiplika l-paga ta' €21,220 b' 24 sena. Dan iwassal għal total ta' €509,280. Din is-somma qiegħda titnaqqas b'nofs minħabba l-ħtija kontributorja tal-mejjet. Dan iwassal għal total ta' €254,640. Din is-somma qiegħda

[76] Kien baqgħalha sena oħra bil-leave tal-maternita'.

titnaqqas b'terz (1/3)[77] minħabba l-grad ta' dipendenza li jwassal għal total ta' €169,760, u ser isir tnaqqis ieħor ta' 25% għall-konsum personali tal-vittma, li jwassal għas-somma finali ta' **€127,320**.

Id-danni totali likwidati li huma dovuti lill-attriċi, l-unika eredi ta' Patrick Joseph Vella konsegwenzjalment għall-mewt tiegħu fl-inċident tat-28 ta' Frar 2015, qed jiġu għalhekk likwidati fis-somma totali ta' mija u sebgħa u għoxrin elf tliet mija u għoxrin Euro (€127,320), liema somma hija dovuta lill-attriċi mis-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyward Limited biss, rappreżentanti sehemha mill-ħtija għall-inċident mertu tal-kawża.

Għal dawn il-motivi kollha, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:-

1. **Tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Joseph Calleja, Giorgio Filippi, Antonio Palumbo, Giuseppe Palumbo, Raffaele Palumbo u Mark Grech fir-Risposta Ġuramentata u tiddikjara li huma leġittimi kontradituri tat-talbiet tal-attriċi;**

2. **Tilqa' limitatament it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet fir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti <u>biss</u> safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deciż u konsegwentement;**

3. **Tilqa' biss limitatament l-ewwel talba tal-attriċi billi tiddikjara illi l-inċident li seħħ ġewwa Palumbo Shipyard, il-Bormla, fit-28 ta' Frar 2015 li fih tilef ħajtu Patrick Joseph Vella, seħħ minħabba l-ħtija tas-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta *Shipyard* Limited bil-ħtija kontributorja ta' Patrick Joseph Vella;**

4. **Tilqa' t-tieni talba fir-Rikors Ġuramentat billi tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba l-ħtija tas-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyard Limited fis-somma ta mija u sebgħa u għoxrin elf tliet mija u għoxrin Euro (€127,320).**

---

[77] €84,880.

5. **Tiċħad it-tielet talba.**

6. **Tilqa' r-raba' talba billi tikkundanna lis-soċjeta' Palumbo Malta Shipyard Limited tħallas lil Roseanne Vella is-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf tliet mija u għoxrin Euro (€127,320), bl-imgħax mil-lum.**

L-ispejjez tal-konvenuti Joseph Calleja, Giorgio Filippi, Antonio Palumbo, Giuseppe Palumbo, Raffaele Palumbo u Mark Grech jitħallsu mill-attriċi, filwaqt li l-ispejjeż l-oħra kollha jiġu sopportati mill-attriċi u mis-soċjeta' konvenuta Palumbo Malta *Shipyard* Limited in kwantu għal nofs kull wieħed.

Onor. Imħallef
Rachel Montebello.

Deputat Reġistratur